PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0435/2012**

21.12.2012

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta’ ħoss tal-vetturi bil-mutur
(COM(2011)0856 – C7-0487/2011 – 2011/0409(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Miroslav Ouzký

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa **grassa**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: **[...]**.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ........................................................................................................47

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU .......................................49

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR ...........................................................................................................................................71

PROĊEDURA ....................................................................................................................95

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur**
**(COM(2011)0856 – C7-0487/2011 – 2011/0409(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0856),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0487/2011),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' April 2012[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapporti tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0435/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Is-suq intern huwa magħmul minn żona mingħajr fruntieri interni li fiha jrid jiġi żgurat il-moviment liberu tal-prodotti, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital. Għal dak | (1) Is-suq intern huwa magħmul minn żona mingħajr fruntieri interni li fiha jrid jiġi żgurat il-moviment liberu tal-prodotti, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital. Għal dak |

[1] ĠU C 191, 29.6.2012, p. 76.

| | |
|---|---|
| il-għan ġiet stabbilita sistema komprensiva tal-Unjoni għall-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur. Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u s-sistemi tal-egżost tagħhom fir-rigward tal-livelli permissibbli tal-ħoss għandhom jiġu armonizzati sabiex tiġi evitata l-adozzjoni ta' rekwiżiti li huma differenti minn Stat Membru għall-ieħor u sabiex ikun żgurat it-tħaddim tajjeb tas-suq intern filwaqt li, fl-istess ħin, ikun hemm livell għoli ta' ħarsien ambjentali u sikurezza pubblika. | il-għan ġiet stabbilita sistema komprensiva tal-Unjoni għall-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur***, peress li l-vetturi tat-triq huma l-akbar għajn ta' storbju fis-settur tat-trasport***. Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u s-sistemi tal-egżost tagħhom fir-rigward tal-livelli permissibbli tal-ħoss għandhom jiġu armonizzati sabiex tiġi evitata l-adozzjoni ta' rekwiżiti li huma differenti minn Stat Membru għall-ieħor u sabiex ikun żgurat it-tħaddim tajjeb tas-suq intern filwaqt li, fl-istess ħin, ikun hemm livell għoli ta' ħarsien ambjentali u sikurezza pubblika***, kif ukoll kwalità ta' għajxien u saħħa aħjar***. ***Il-Kummissjoni għandha wkoll twettaq valutazzjoni tal-impatt dwar il-kundizzjonijiet tat-tikkettar applikabbli għal-livelli tat-tniġġis tal-arja u l-istorbju. Din il-valutazzjoni tal-impatt għandha tqis it-tipi differenti ta' vetturi koperti b'dan ir-Regolament (inklużi vetturi elettriċi) kif ukoll l-effett li tali tikkettar jista' jkollu fuq l-industrija tal-karozzi. Tali tikkettar jista' jitqies għodda utli għas-sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi u għall-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom fir-rigward tat-trasparenza qabel ix-xiri ta' vettura.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE diġà japplikaw għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni relevanti tal-UE li tirregola l-emissjonijiet tas-$CO_2$ inklużi r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-*** |

***emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi[1], ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi ħfief[2], ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi[3], ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi ħfief[4]. Ir-rekwiżiti tekniċi li japplikaw għal-leġiżlazzjoni tal-UE li tirregola l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-valuri ta' limitu ta' emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu għandhom ikunu konsistenti mar-rekwiżiti li japplikaw għal-leġiżlazzjoni li tirregola t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ħsejjes. Ir-rekwiżiti ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE għaldaqstant għandhom jiġu stabbiliti b'mod li jiżgura li dawn l-għanijiet doppji jintlaħqu.***

______________

***[1] ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1***

***[2] ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1.***

***[3] ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1***

***[4] ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri tekniċi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ jinkludu miżuri biex jitnaqqas il-piż ta' vettura, filwaqt li l-miżuri tekniċi biex jitnaqqas il-ħoss permezz tal-iżolament akustiku normalment iżidu l-piż tal-vettura u jżidu l-emissjonijiet tas-$CO_2$. Barra minn hekk, l-iżolament akustiku jnaqqas il-ħoss filwaqt li fl-istess ħin iżid ir-riskju li l-magna tiehu n-nar.*

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) L-istorbju tat-traffiku jaffettwa ħażin is-saħħa tal-bniedem f'ħafna modi. Stress marbut mal-espożizzjoni fit-tul għall-istorbju jista' jwassal għal għejja fiżika, ifixkel il-kapaċità regolatorja tal-funzjonijiet tal-organi u b'hekk jillimita l-effikaċja tagħhom. L-istorbju tat-traffiku huwa fattur ta' riskju potenzjali għall-iżvilupp ta' kundizzjonijiet u inċidenti mediċi bħalma huma l-pressjoni għolja u l-attakki tal-qalb. Għandha ssir riċerka ulterjuri dwar l-effetti fl-istess spirtu kif previst mid-Direttiva 2002/49/KE dwar il-ħsejjes ambjentali.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu jintroduċi metodu differenti fir-rigward ta' *wieħed* obbligatorju tad-Direttiva 70/157/KEE. Dan il-metodu għandu jkun ibbażat fuq il-metodu ppubblikat mill-Grupp ta'Ħidma dwar l-Istorbju tal-UNECE (GRB) fl-2007 li inkorpora verżjoni tal-2007 tal-istandard ISO 362. Ir-riżultati tal-monitoraġġ ta' kemm il-metodu tal-ittestjar il-qadim kif | (6) Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu jintroduċi metodu differenti fir-rigward ta' *dak* obbligatorju tad-Direttiva 70/157/KEE. Dan il-metodu għandu jkun ibbażat fuq il-metodu ppubblikat mill-Grupp ta'Ħidma dwar l-Istorbju tal-UNECE (GRB) fl-2007 li inkorpora verżjoni tal-2007 tal-istandard ISO 362. Ir-riżultati tal-monitoraġġ ta' kemm il-metodu tal-ittestjar il-qadim kif |

| | |
|---|---|
| ukoll dak ġdid ġew sottomessi lill-Kummissjoni. | ukoll dak ġdid ġew sottomessi lill-Kummissjoni. ***Barra minn hekk, sabiex jingħelbu n-nuqqasijiet inerenti fil-metodu tal-ittestjar preċedenti, il-Kummissjoni għandha, fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tressaq valutazzjoni tal-impatt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kontribut effettiv ta' tagħmir relatat mad-dawrien tat-tajers għat-tnaqqis tal-livell tal-istorbju tal-vetturi, li tiffoka fuq l-impatt fuq l-uċuħ tat-toroq, u l-ħtiġijiet ta' riċerka f'dan il-qasam speċifiku, fid-dawl ta' adozzjoni ta' metodu ta' ttestjar Ewropew ġdid li jqis ukoll kif jirreaġixxu l-uċuħ tat-toroq.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*It-tip u l-kwalità tal-uċuħ tat-toroq għandhom impatt ukoll fuq l-emissjonijiet tal-ħoss tat-traffiku fit-toroq. Għalhekk jinħtieġ approċċ Ewropew globali li jqis il-prestazzjoni akustika tal-uċuħ tat-toroq.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Dan ir-Regolament għandu wkoll ikompli jnaqqas il-limiti tal-istorbju. Dan għandu jqis ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom, li introduċa rekwiżiti ġodda u aktar stretti dwar l-istorbju tat-tajers tal-vetturi bil-mutur. ***Għandha tingħata attenzjoni lil dawk l-istudji*** li jenfasizzaw il-fastidju u l-effetti fuq is-saħħa li jkollu l-istorbju ġġenerat mit-traffiku fit-triq, u l-ispejjeż u l-benefiċċji assoċjati miegħu. | (8) Dan ir-Regolament għandu wkoll ikompli jnaqqas il-limiti tal-istorbju. Dan għandu jqis ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom, li introduċa rekwiżiti ġodda u aktar stretti dwar l-istorbju tat-tajers tal-vetturi bil-mutur ***u li enfasizza l-ħtieġa li jkun hemm approċċ koerenti u komprensiv biex tiġi indirizzata l-problema tal-istorbju tat-toroq, inkluż billi jitqies il-kontribut sinifikanti li jagħmlu l-uċuħ tat-toroq għall-istorbju tat-toroq***. |

***Dan l-approċċ orizzontali se jnaqqas b'mod aktar effiċjenti l-istorbju ġenerali ġġenerat mit-traffiku fit-triq meta mqabbel ma' approċċ settorjali u vertikali. It-tnaqqis tal-istorbju tat-traffiku fit-toroq għandu jitqies ukoll bħala objettiv tas-saħħa pubblika, fid-dawl ta' studji*** li jenfasizzaw il-fastidju u l-effetti fuq is-saħħa li jkollu l-istorbju ġġenerat mit-traffiku fit-triq, u l-ispejjeż u l-benefiċċji. ***Dan ir-Regolament għandu jqis ukoll ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra[1]. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li t-tajers ikunu tikkettati fir-rigward tal-prestazzjoni tal-ħoss tagħhom. Barra minn hekk, għandha titqies il-komparabbiltà tal-mezzi tat-trasport mill-aspett ta' storbju ambjentali.***

*Ġustifikazzjoni*

*It-tip u l-kwalità tal-uċuħ tat-toroq għandhom impatt ukoll fuq l-emissjonijiet tal-ħoss tat-traffiku fit-toroq. Għalhekk jeħtieġ approċċ globali Ewropew li jqis il-prestazzjoni akustika tal-uċuħ tat-toroq.*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida għal toroq "silenzjużi", għall-awtoritajiet tat-toroq sabiex tipprovdilhom strument utli biex ikunu konformi ma' rekwiżiti għal infrastruttura tat-toroq aktar sostenibbli.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8b) Is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali stabbilixxa l-qafas għat-tfassil tal-politika ambjentali fl-UE għall-perjodu 2002-2012. Il-programm talab azzjonijiet fil-qasam tal-istorbju biex "inaqqsu b'mod sostanzjali n-numru ta' nies regolarment affettwati minn livelli medji tal-istorbju fit-tul, b'mod partikolari dak iġġenerat mit-traffiku".*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament għandu jkun konformi mal-miri u l-ambizzjonijiet preċedenti tal-Unjoni Ewropea.*

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8c) Il-miżuri tekniċi li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ħoss tal-vetturi bil-mutur jeħtieġu jissodisfaw sett ta' rekwiżiti konkorrenti, bħalma huma dawk li jnaqqsu l-istorbju u l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu u jtejbu s-sikurezza filwaqt li fl-istess ħin il-vettura inkwistjoni tinżamm kemm jista' jkun irħisa u effikaċi. Biex tissodisfa bl-istess mod dawn ir-rekwiżiti kollha u żżomm bilanċ bejniethom, l-industrija tal-karozzi ta' spiss tħabbat wiċċha mal-limiti ta' dak li hu fiżikament possibbli attwalment. Fil-każ tal-iżvilupp awtomobilistiku, dejjem kien possibbli li dan il-limitu jiġi xxiftjat permezz tal-użu ta' materjali u ta' metodi aktar moderni u innovattivi. Sabiex ikun hemm il-possibilità ta' innovazzjoni, jeħtieġ li jkun hemm qafas ċar u ffundat fiż-żmien mill-aspett leġiżlattiv. Dan ir-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Regolament jistabbilixxi eżattament tali qafas u b'hekk jipprovdi inċentiv immedjat għall-innovazzjoni b'konformità mal-ħtiġijiet tas-soċjetà, filwaqt li fl-istess ħin ma jillimita bl-ebda mod il-libertà ekonomika tant vitali għall-industrija .*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8d) It-tniġġis tal-istorbju huwa primarjament problema lokali li teħtieġ soluzzjoni fil-livell tal-Unjoni. L-ewwel pass ta' kwalunkwe politika sostenibbli fir-rigward tal-emissjonijiet tal-istorbju għandu jkun dak li jiġu stabbiliti miżuri mmirati lejn is-sors tal-ħoss. Is-sors tal-istorbju tal-vetturi, li għalih jirreferi dan ir-Regolament, huwa sors kompletament mobbli, għalhekk il-miżuri nazzjonali esklussivi ma jistgħux jaffrontawh b'mod xieraq.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8e) Jistgħu jittieħdu passi maġġuri biex l-infrastruttura tiġi żviluppata/imtejba b'tali mod li jimmassimizza t-tnaqqis tal-istorbju tal-vetturi, bħal pereżempju permezz tal-użu fuq skala kbira ta' lqugħ kontra l-istorbju.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a)L-għoti ta' informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-ħoss lill-konsumaturi, lill-maniġers tal-flotot tal-karozzi u lill-awtoritajiet pubbliċi jista' jinfluwenza d-deċiżjonijiet ta' xiri u jħaffef il-bidla għal flotta tal-vetturi aktar silenzjuża. Sabiex tingħata l-informazzjoni meħtieġa lill-konsumaturi, il-manifattur għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-livelli tal-istorbju tal-vetturi b'konformità mal-metodi armonizzati ta' ttestjar fil-punt tal-bejgħ u fil-materjal promozzjonali tekniku. Tikketta li tkun komparabbli għat-tikketti użati għall-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tas-$CO_2$, il-konsum tal-fjuwil u l-istorbju tat-tajers, għandha tinforma lill-konsumaturi dwar l-emissjonijiet tal-ħoss ta' vettura.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9b) Sabiex jitnaqqas l-istorbju tat-traffiku, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jistabbilixxu miżuri u inċentivi biex jitħaffef ix-xiri u l-użu ta' vetturi anqas storbjużi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-awtoritajiet nazzjonali u muniċipali jistgħu jixtiequ li jipproponi inċentivi, bħal standards dwar akkwist pubbliku jew li jippermettu li vetturi anqas storbjużi jkollhom aċċess preferenzjali għal ċerti żoni jew ħinijiet ta' konsenja, biex iħeġġu x-xiri u l-użu ta' vetturi anqas storbjużi, bħala mezz biex jitnaqqas l-istorbju tat-traffiku f'żoni sensittivi jew f'hotspots identifikati fil-mapep tal-istorbju meħtieġa skont id-Direttiva 2002/49/KE li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002, p.12).*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9c) Il-livelli tal-istorbju tal-vetturi huma parzjalment dipendenti fuq l-ambjent li fihom ikunu qed jivvjaġġaw il-vetturi, b'mod partikolari l-kwalità tal-infrastruttura tat-toroq u l-ġestjoni intelliġenti tas-sistemi tat-traffiku fit-toroq. Għandha tiġi kkunsidrata, għalhekk, l-adozzjoni ta' approċċ integrat, b'mod partikolari fiż-żoni urbani l-aktar storbjużi u f'każijiet fejn tinħtieġ azzjoni ta' malajr.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9d) F'dak li jirrigwarda l-karozzi, fi vjaġġ li jsir b'veloċità medja ta' inqas minn 45 km/h, jippredomina l-istorbju tal-magna u tas-sistema tal-egżost, fil-każ ta' vjaġġi b'veloċità aktar minn 45 km/h, jiddomina l-istorbju tat-tajers u tar-riħ. Dan l-istorbju huwa preżenti indipendentement mit-tip ta' magna u mill-prestazzjoni tagħha. L-iżvilupp tal-vetturi sa mis-sebgħinijiet għamilha possibbli li jinbnew magni ħafna aktar silenzjużi, iżda bħala medja, aktar qawwija u itqal. Minħabba dan tal-aħħar, u sabiex ikun hemm aktar sigurtà tas-sewqan, kien hemm żieda fil-piż tal-vettura kollha, li kienet tinvolvi t-twessigħ tal-wiċċ ta' kuntatt tat-tajers bl-għan li tiżdied l-istabilità tas-sewqan. It-twessigħ ta' tali wċuħ jinvolvi żieda fl-istorbju tat-tidwir tat-tajers tal-vettura.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(9e) L-istorbju huwa kwistjoni multidimensjonali b'diversi sorsi u fatturi li jaffettwaw il-ħoss li jesperjenzaw il-persuni u l-impatt tiegħu fuqhom. Il-leġiżlazzjoni biex jitnaqqas l-istorbju tat-traffiku teħtieġ li tirrifletti dawn l-aspetti billi tqis, l-istorbju ġġenerat mill-magna, mit-tajers u mill-vettura, l-uċuħ tat-toroq, l-imġiba fis-sewqan u l-ġestjoni tat-traffiku u għandha tiġi indirizzata f'leġiżlazzjoni bħar-Regolament 1222/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra[1] u d-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali[2].*** |
| | ______________ |
| | ***[1] ĠU L 342, 22.12.2009, p. 46.*** |
| | ***[2] ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***10a. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-potenzjal ta' sistemi attivi ta' sikurezza f'vetturi aktar siekta bħalma huma l-vetturi ibridi u elettriċi biex isir konribut aħjar għall-objettiv li tittejjeb is-sikurezza ta' utenti vulnerabbli tat-toroq f'żoni urbani, bħal persuni mexjin fit-triq,*** |

***ċiklisti u tfal għomja jew li jbagħtu viżwalment u mis-smigħ.***

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10b) Il-livelli tal-istorbju ta' vetturu għandhom impatt dirett fuq il-kwalità tal-għajxien taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari fiż-żoni urbani fejn hemm ftit jew xejn mezzi tat-trasport pubbliku li jaħdmu bl-elettriku u/jew taħt l-art, ċikliżmu jew mixi. Għandu jitqies ukoll l-objettiv li ffissa l-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport[1], li jirdoppja l-għadd ta' utenti tal-mezzi tat-trasport pubbliku. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, jippromwovu t-trasport pubbliku, il-mixi u ċ-ċikliżmu, bl-għan li jitnaqqas it-tniġġis ikkawżat mill-istorbju fiż-żoni urbani.*** |
| | ***[1] Testi adottati f'dik id-data, P7_TA(2011)0584*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10c) It-tagħrif relatat mal-istorbju, inkluża data tat-testijiet, għandu jkun disponibbli u espost b'mod ċar fil-punti ta' bejgħ u fil-materjal promozzjonali għall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***vetturi.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10d) Il-livell ta' storbju ta' vettura jiddependi parzjalment mill-mod ta' kif tiġi użata u minn kemm tinżamm tajjeb wara li tkun inxtrat. F'dan ir-rigward, għandhom jittieħdu passi biex titqajjem kuxjenza pubblika fl-UE dwar kemm hu importanti li jiġi adottat stil ta' sewqan b'veloċità stabbli u li dak li jkun ma jaqbiżx il-limiti tal-veloċità li jkunu fis-seħħ f'kull Stat Membru.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' ***tissostitwixxi*** r-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament ***b'referenza diretta għar-Regolamenti tal-UNECE Nru 51 u Nru 59 ġaladarba l-valuri ta' limitu dwar il-metodu tal-ittestjar ġdid ikunu stipulati f'dawn ir-Regolamenti, jew biex tkun tista' tadatta dawn ir-rekwiżiti*** għal żviluppi tekniċi u xjentifiċi, il-Kummissjoni għandha tiġi delegata s-setgħa li tadotta atti b'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***fir-rigward tal-emenda tad-dispożizzjonijiet fl-Annessi ma'*** dan ir-Regolament ***dwar il-metodi tal-ittestjar u l-livelli ta' ħoss***. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha. | (12) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' ***tadatta*** r-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament għal żviluppi tekniċi u xjentifiċi, il-Kummissjoni għandha tiġi delegata s-setgħa li tadotta atti b'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***biex temenda l-Annessi ta'*** dan ir-Regolament ***relatati mal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward tal-livell tal-ħoss tat-tipi ta' vetturi u tas-sistemi tal-egżost, il-metodi u l-istrumenti għall-kejl tal-istorbju li jagħmlu l-vetturi bil-mutur, is-sistemi tas-sajlenser, l-istorbju tal-arja kkumpressata, il-kontrolli tal-konformità tal-produzzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tas-siti tat-testjar, il-metodi ta' kejl għal dispożizzjonijiet addizzjonali fir-rigward tal-emissjoni tal-*** |

| | |
|---|---|
| Meta tkun qiegħda tipprepara u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | ***ħsejjes, u l-miżuri li jiżguraw il-livell tal-ħoss tal-vetturi elettriċi u ibridi***. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha***, inkluż fil-livell ta' esperti***. Meta tkun qiegħda tipprepara u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija meħtieġa sabiex il-proposta tal-Kummissjoni tiġi allinjata mal-formulazzjoni standard ġdida rigward l-atti delegati, u sabiex jiġu speċifikati f'iktar dettall l-Annessi li għandhom ikunu jistgħu jiġu emendati permezz ta' atti delegati.*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Il-potenzjal ta' tnaqqis tal-istorbju minn ras il-għajn, li hu l-għan ta' dan ir-Regolament, huwa inferjuri għal dak tal-kisi tat-triq li jiġu f'kuntatt magħha t-tajers. It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-istorbju fil-każ ta' dan tal-aħħar, ikun ħafna aktar sempliċi mill-aspett tekniku. Minħabba d-disponibilità tat-tipi ta' asfalt bħall-asfalt silenzjuż, l-asfalt bi kwalitajiet ta' tnaqqis tal-istorbju jew l-asfalt ottimizzat għall-istorbju, li jiġu integrati f'approċċ olistiku li jikkombina diversi miżuri sempliċi tal-bini, lokalment jista' jkun akkwistat tnaqqis ta' madwar 10 dB. Dan l-approċċ effikaċi għal sorsi ta' storbju esklussivament lokali ma jiġix ikkunsidrat fir-Regolament attwali għax l-applikazzjoni tkun ta' strapazz kbir għall-baġits statali, speċjalment għall-entitajiet lokali. Fiż-żminijiet tal-kriżi finanzjarja, ikun diffiċli li dan ikun sostnut u dan jista' jaffettwa, min-naħa l-oħra, is-setturi*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-politika reġjonali u strutturali.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "tip ta' vettura" tfisser sett ta' vetturi kif iddefinit fl-Anness II Parti B mad-Direttiva 2007/46/KE. | (2) "tip ta' vettura" tfisser***:*** |
| | ***(i) għall-vetturi, ittestjati skont l-Anness II, paragrafu 4.1.2.1*** sett ta' vetturi kif iddefinit fl-Anness II Parti B mad-Direttiva 2007/46/KE***;*** |
| | ***(ii) għall-vetturi, ittestjati skont l-Anness II, paragrafu 4.1.2.2 sett ta' vetturi li mhumiex essenzjalment differenti f'tali aspetti bħalma huma:*** |
| | ***– l-għamla jew il-materjali tal-qafas (partikolarment il-kompartament tal-magna u l-protezzjoni kontra l-ħsejjes tagħha);*** |
| | ***– it-tip ta' magna (pereżempju tqabbid bl-ispark plaggs jew tqabbid bil-kompressjoni, b'żewġ strowks jew b'erba' strowks, b'pistun reċiprokanti jew rotatorju), in-numru u l-kapaċità taċ-ċilindri, it-tip ta' sistema ta' injezzjoni, l-arranġament tal-valvoli, il-veloċità kklassifikata tal-magna (S), jew it-tip ta' mutur elettriku.*** |
| | ***– vetturi li għandhom l-istess tip ta' magna u/jew rapporti ġenerali bejn il-gerijiet differenti, jistgħu jitqiesu bħala vetturi tal-istess tip.*** |
| | ***Madankollu, jekk id-differenzi ta' hawn fuq jipprevedu metodu tal-ittestjar differenti, dawn id-differenzi għandhom jitqiesu bħala bidla tat-tip.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt 21a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) "punt tal-bejgħ" tfisser post fejn il-vetturi jinħażnu u jiġu offruti għall-bejgħ lill-konsumaturi;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jkollhom aċċess għal informazzjoni relevanti meta jikkunsidraw ix-xiri ta' vettura, l-informazzjoni dwar il-ħoss tagħha għandha tkun disponibbli b'mod wiesa' (it-test propost huwa konsistenti mal-Artikolu 3 tar-Regolament 122/2009 dwar it-tikkettar tat-tajers, inklużi l-emissjonijiet tal-ħoss).*

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt 21b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21b) "materjal promozzjonali tekniku" tfisser fuljetti, katalogi u manwali tekniċi, (kemm jekk f'sura stampata, elettronika jew onlajn), kif ukoll siti fuq l-Internet, li l-għan tagħhom ikun li jippromwovu vetturi fost il-pubbliku ġenerali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Bl-għan li jiġi żgurat li l-konsumaturi għandhom aċċess għat-tagħrif relevanti kollu meta jkunu qed jaħsbuha jixtrux vettura, it-tagħrif dwar il-livelli tal-ħoss għandu jitqiegħed għad-disponibilità tagħhom b'mod kemm jista' jkun mifrux.*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Meta jkunu qegħdin iwettqu verifiki tekniċi fuq il-vetturi, l-Istati Membri*** |

***għandhom ikejlu l-livell tal-istorbju abbażi ta' data fl-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal kull tip ta' vettura.***

*Ġustifikazzjoni*

*Meta jkunu qegħdin iwettqu verifiki tekniċi obbligatorji fuq il-vetturi (biex jaċċertaw li l-emissjonijiet tal-istorbju ta' vettura ma jaqbżux il-livelli permessi), l-Istati Membri għandhom jużaw id-data dwar livelli ta' storbju fl-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal kull tip ta' vettura aktar milli xi kriterji oħra.*

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Artikolu 4b*** |
| | ***Monitoraġġ*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom, b'konformità mar-Regolament KE (Nru) 765/2008, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti[1], jiggarantixxu l-monitoraġġ effettiv tas-suq tagħhom. Għandhom jagħmlu kontrolli adegwati fuq il-karatteristiċi ta' prodotti fuq skala adegwata, skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament KE (Nru) 765/2008*** |
| | ***[1] ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*For the purpose of good functioning of the internal market and healthy competition among industries, it is important to guarantee a high level of market observance both for products circulating within the Community and products entering from outside the EEA. Therefore Member States and their respective Market Monitoring bodies are called to check and monitor the fulfilment of requirements set out in this Regulation. This is extremely important in order to satisfy the requirements of protection of public interests such as health and safety in general, health and safety in the workplace, protection of consumers, the environment and*

*security.*

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-manifatturi għandhom *jassiguraw* li s-sistema għat-tnaqqis tal-istorbju tkun imfassla, mibnija u mmuntata b'tali mod li tkun tista' tirreżisti raġonevolment il-fenomeni korrożivi li tiġi esposta għalihom filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet tal-użu tal-vettura. | 2. Il-manifatturi għandhom *jiżguraw* li s-sistema għat-tnaqqis tal-istorbju tkun imfassla, mibnija u mmuntata b'tali mod li tkun tista' tirreżisti raġonevolment il-fenomeni korrożivi li tiġi esposta għalihom filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet tal-użu tal-vettura ***u d-differenzi tal-klimi reġjonali***. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-livell tal-ħoss imkejjel skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness II ma għandux jaqbeż il-limiti stipulati fl-Anness III. | ***Il-kundizzjonijiet tal-ittestjar stipulati fl-Anness II għandhom iqisu l-kundizzjonijiet tipiċi tas-sewqan fit-triq u r-rekwiżiti tal-ittestjar tal-komponenti essenzjali oħra tal-vettura, li diġà ġew koperti mir-Regolament (KE) Nru 661/2009.*** Il-livell tal-ħoss imkejjel skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness II ***u mqarreb għall-eqreb numru sħiħ*** ma għandux jaqbeż il-limiti stipulati fl-Anness III. |

*Ġustifikazzjoni*

*In accordance with better regulation principles, it is important to ensure that the testing conditions of this Regulation do not unduly impact on part manufacturers which have already made significant steps towards reducing noise emissions, in particular the tyre industry. In this context the accuracy of testing conditions needs to be underlined and "typical on-road driving conditions" should be stated as the condition for validating the limits set down in Annex III. In order to align this proposal with other EU noise legislation, the measured sound values should be reported in a systematic way. All regulations report the final result in full*

*integer values. It is proposed that this practice be maintained in this Regulation.*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fi żmien tliet snin*** wara d-data msemmija fl-Anness III, it-tielet kolonna, fażi 1, ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha ***twettaq studju ddettaljat biex taċċerta jekk il-limiti*** tal-istorbju ***jkunux xierqa jew le***. Abbażi ***tal-konklużjonijiet tal-istudju***, il-Kummissjoni ***tista', fejn*** xieraq, ***tippreżenta l-proposti għall-emenda ta'*** dan ir-Regolament. | Wara d-data msemmija fl-Anness III, it-tielet kolonna, fażi 1, ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha ***tlesti rieżami*** tal-limiti tal-istorbju ***fl-Anness III. Dak ir-rieżami għandu jinkludi valutazzjoni tal-impatt li tinkludi valutazzjoni ġenerali tal-impatt fuq l-industrija tal-karozzi u b'mod partikolari fuq l-industriji li jiddependu minnha, filwaqt li titqies l-influwenza ta' Regolamenti oħra - bħal dawk fil-qasam tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$, u tas-sikurezza - fuq il-livell tal-ħoss ta' vetturi bil-mutur***. Abbażi ***ta' tali rieżami u tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha***, il-Kummissjoni ***għandha***, ***jekk ikun*** xieraq, ***tagħmel proposta sabiex temenda*** dan ir-Regolament ***b'mod li jkun newtrali kemm jista' jkun mill-aspett tal-kompetizzjoni. Il-valuri ta' limitu msemmija fl-Anness III, kolonna 4 Fażi 2, għandhom jidħlu fis-seħħ sitt snin wara l-konferma tal-valutazzjoni tal-impatt u t-tlestija tal-proċess ta' reviżjoni tal-Kummissjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-proposta inizjali tal-Kummissjoni ma kien hemm l-ebda valutazzjoni tal-impatt xierqa bbażata fuq il-klassifikazzjoni meħtieġa tal-vetturi ġodda. Għalhekk huwa meħtieġ b' urġenza li tintalab valutazzjoni tal-impatt qabel ma jittieħdu passi ulterjuri għal tnaqqis maġġuri. Wara t-tlestija tal-proċess ta' rieżami, il-valuri ta' limitu fil-fażi 2 jistgħu jidħlu fis-seħħ filwaqt li jirrispettaw iż-żmien meħtieġ, magħruf sew fl-industrija, għall-iżvilupp tekniku.*

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-proposti għal emendi għal dan ir-Regolament imressqa skont il-paragrafu 1 għandhom iqisu l-istandards il-ġodda stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, b'mod partikolari l-istandard ISO 10844:2011.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafi 1a u 1b (ġodda)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-vetturi għandhom awtomatikament jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness X jekk il-manifattur tal-vetturi jressaq id-dokumenti tekniċi lill-awtorità għall-approvazzjoni tat-tip li juru d-differenza bejn il-veloċità massima u minima tal-magna tal-vetturi għal BB'17 ≤ 0,15 x S, għal kwalunkwe kundizzjoni ta' test fi ħdan il-firxa ta' kontroll ASEP iddefinita fil-punt 3.3. tal-Anness VIII rigward il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II.*** |
| | ***1b. Il-vetturi tal-kategorija N1 huma eżentati mill-ASEP jekk waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tiġi sodisfatta:*** |
| | ***(a) Il-kapaċità tal-magna ≤ 660 ccm u l-proporzjon bejn il-potenza u l-massa PMR ikkalkulati bl-użu tal-massa tal-vettura massima awtorizzata ≤ 35;*** |
| | ***(b) Tagħbija ≤ 850 kg u l-proporzjon bejn il-potenza u l-massa PMR ikkalkulat bl-użu tal-massa tal-vettura massima awtorizzata ≤ 40.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tintroduċi r-rekwiżiti proporzjonati għall-SMEs li jagħmlu l-kostruzzjonijiet. Minbarra dan, l-istandard ASEP tal-UNICE huwa mfassal skont l-imġiba ta' vetturi tipiċi M1*

*u l-grupp espert responsabbli rrakkomanda l-esklużjoni għal kategoriji oħra. L-ASEP (Dispożizzjonijiet Addizzjonali dwar l-Emissjonijiet tal-Ħoss) għandhom jevitaw emissjonijiet tal-ħoss mhux mistennija li ma jikkorrelawx mat-tip ta' riżultati tal-ittestjar tal-approvazzjoni tat-tip. Peress li dan qatt ma ġie osservat għal vannijiet tal-kunsinna N1, din l-emenda tiżgura li dawn jiġu esklużi mill-ittestjar speċjali tal-ASEP.*

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-vetturi tal-kategorija NI huma eżentati mill-ASEP jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:*** |
| | ***(a) Il-kapaċità tal-magna ma taqbiżx is-660 ccm u l-proporzjon tal-qawwa mal-massa PMR ikkalkolat bl-użu tal-massa massima awtorizzata tal-vettura ma jaqbiżx il-35;*** |
| | ***(b) It-tagħbija kummerċjali hija tal-anqas ta' 850 kg u l-proporzjon tal-qawwa mal-massa PMR ikkalkolat bl-użu tal-massa massima awtorizzata tal-vettura ma jaqbiżx l-40;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*The requirements for ASEP (Additional Sound Emission Provisions) are tailored for a behaviour typical for sporty retrofit systems and M1vehicles so to detect unexpected noise emission at high engine speeds. ASEP has been developed and approved by the experts group on noise of UNECE Working Party 29 of which the European Commission is a member. The same experts group has for good reasons recommended to exclude delivery vans according to (a) and (b) as mentioned above: no expected environmental benefit and economically unproportional efforts and costs for verification testing due to a much higher variety of delivery vans compared to passenger cars.*

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-emissjoni tal-ħoss tal-vettura | 2. L-emissjoni tal-ħoss tal-vettura |

| | |
|---|---|
| f'kundizzjonijiet tipiċi ta' sewqan fit-triq, li huma differenti minn dawk li fihom sar it-test għall-approvazzjoni tat-tip stipulat fl-Anness II, ma għandhomx jiddevjaw mir-riżultat tat-test ***b'mod mhux raġonevoli***. | f'kundizzjonijiet tipiċi ta' sewqan fit-triq, li huma differenti minn dawk li fihom sar it-test għall-approvazzjoni tat-tip stipulat fl-Anness II, ma għandhomx jiddevjaw mir-riżultat tat-test. |

*Ġustifikazzjoni*

*Emissjonijiet tal-ħoss ta' kuljum taħt ċirkostanzi medji ma għandhomx ivarjaw mir-riżultati tat-test.*

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-manifattur tal-vettura ma għandux jibdel, jimmodifika, jew jintroduċi intenzjonalment tagħmir mekkaniku, elettroniku, termali jew tagħmir ieħor jew proċeduri li ma jintużawx fis-sewqan tipiku fit-triq skont il-kundizzjonijiet applikabbli għall-ASEP bl-intenzjoni biss li jissodisfa r-rekwiżiti għall-emissjoni tal-istorbju skont dan ir-Regolament. | 3. Il-manifattur tal-vettura ma għandux jibdel, jimmodifika, jew jintroduċi intenzjonalment tagħmir mekkaniku, elettroniku, termali jew tagħmir ieħor jew proċeduri li ma jintużawx fis-sewqan tipiku fit-triq skont il-kundizzjonijiet applikabbli għall-ASEP bl-intenzjoni biss li jissodisfa r-rekwiżiti għall-emissjoni tal-istorbju skont dan ir-Regolament. ***Dawn il-miżuri tipikament jissejħu 'cycle beating'.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Żieda fiċ-ċarezza tad-dispożizzjoni. L-intenzjoni leġiżlattiva hi li twaqqaf jew li tipprevjeni lakuni fir-regolament.*

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip, il-manifattur għandu jipprovdi dikjarazzjoni stabbilita b'konformità mal-mudell stipulat fl-Appendiċi 1 tal-Anness VIII, li t-tip ta' vettura li se tiġi | 5. Fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip, il-manifattur għandu jipprovdi dikjarazzjoni***, sostnuta bl-eżitu tar-riżultati xierqa tat-test,*** stabbilita b'konformità mal-mudell stipulat fl-Appendiċi 1 tal- |

| | |
|---|---|
| approvata tikkonforma mar-rekwiżiti ***tal-Artikoli 8(1) u 8(2)***. | Anness VIII, li t-tip ta' vettura li se tiġi approvata tikkonforma mar-rekwiżiti ***tal-Artikolu 8***. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 8 għandu japplika fit-totalità tiegħu, biex jipprovdi ċ-ċertezza legali neċessarja.*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 8*** |
| | ***Il-manifatturi u d-distributuri tal-vetturi għandhom jiżguraw li l-livell tal-istorbju f'decibels (dB(A)) b'konformità mal-metodi armonizzati ta' ttestjar tal-approvazzjoni tat-tip għal kull vettura jintwerew f'post prominenti fil-punt tal-bejgħ u fil-materjal promozzjonali tekniku.*** |
| | ***Wara valutazzjoni tal-impatt komprensiva, il-Kummissjoni għandha, fi żmien sentejn mis-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, u b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar informazzjoni tal-konsumatur. Tali proposta tista' tiġi integrata fid-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 relatata mad-disponibilità ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-karburanti u emissjonijiet tas-$CO_2$ rigward il-marketing ta' karozzi tal-passiġġieri ġodd[1].*** |
| | ***ĠU L 12, 18.1.2000, p. 16*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 8b*** |
| | ***Il-klassifikazzjoni u l-kwalità tas-superfiċje tat-triq*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha, b'konformità mal-għażla taż-żmien għar-rieżami stipulata fid-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali[1], tivvaluta l-possibilità li tiġi introdotta sistema ta' klassifikazzjoni tat-toroq li tikkaratterizza l-ħoss tipiku tad-dawrien fuq kull triq fl-Unjoni Ewropea, u jekk ikun xieraq tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-inkorporazzjoni ta' rekwiżit fuq l-Istati Membri biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kwalitajiet tas-superfiċje tat-triq fil-mapep strateġiċi tal-istorbju li hemm provvediment għalihom fid-Direttiva 2002/49/KE.*** |
| | ***[1] ĠU L 189, 18.7.2002*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kwalità tas-superfiċji tat-toroq tinfluwenza b'mod qawwi l-emissjonijiet tal-ħoss tad-dawrien tal-vetturi. S'issa ma hemm l-ebda approċċ strateġiku li jippermetti ħarsa ġenerali tal-kwalità tas-superfiċje tat-toroq fl-UE. Il-proposta msemmija hawn fuq tippermetti lill-Istati Membri u lill-komunitajiet jidentifikaw iż-żoni fejn it-titjib tas-superfiċje tat-toroq jagħmel sens u jirriżulta fi tnaqqis tal-istorbju ambjentali.*

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Artikolu 9* | *Artikolu 9* |
| Meta l-manifatturi jagħżlu li jinstallaw l-AVAS fil-vetturi, ***ir-rekwiżiti*** tal-Anness X għandhom jiġu *sodisfatti*. | Meta l-manifatturi jagħżlu li jinstallaw l-AVAS fil-vetturi, ***il-ħoss iġġenerat mill-AVAS għandu jkun ħoss kontinwu li jipprovdi informazzjoni lil min ikun miexi fit-triq u lill-utenti vulnerabbli tat-toroq, li vettura qed titħaddem. Il-ħoss għandu jkun faċilment indikattiv tal-imġiba tal-vettura u jista' jkun simili għall-ħoss ta' vettura tal-istess kategorija mgħammra b'magna tal-kombustjoni interna u li topera fl-istess kundizzjonijiet, u r-rekwiżiti*** tal-Anness X għandhom jiġu *ssodisfati*. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tivvaluta l-ħtieġa li tirrevedi dan ir-Regolament, filwaqt li tqis, inter alia, jekk is-sistemi attivi ta' sikurezza jistgħux iservu aħjar l-objettiv li tittejjeb is-sikurezza tal-utenti vulnerabbli tat-toroq fiż-żoni urbani, flimkien ma', jew b'paragun ta', sistemi ta' twissija akustiċi li jwissu dwar il-preżenza ta' vettura u għandha, fejn xieraq u b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li tipprevedi livell massimu tal-ħoss għall-AVAS installati fil-veturi.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati biex temenda ***l-Annessi I sa XI***. | 1. Il-Kummissjoni għandha***, sabiex tadatta r-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament għall-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi,*** tingħata |

| | |
|---|---|
| | s-setgħa li tadotta atti ddelegati ***b'konformità mal-Artikolu 11*** biex temenda ***l-Annessi I sa II u IV sa XII***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Skont l-Artikolu 290 tat-TFUE, l-elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv biss jistgħu jkunu ddelegati lill-Kummissjoni, filwaqt li l-elementi essenzjali għandhom jiġu riżervati għall-att leġiżlattiv innifsu. Id-dispożizzjonijiet tal-Anness III, jiġifieri, il-valuri ta' limitu tal-istorbju u ż-żmien tat-tħejjija (il-fażijiet), huma elementi essenzjali tal-proposta u għandhom, għaldaqstant, ikunu riżervati għall-koleġiżlaturi. Din l-emenda hija meħtieġa wkoll sabiex il-proposta tal-Kummissjoni tiġi allinjata mal-formulazzjoni standard ġdida rigward l-atti delegati.*

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta *il-valuri* ta' limitu relatati mal-metodu tal-ittestjar ikunu stabbiliti fir-Regolament tal-UNECE Nru 51, il-Kummissjoni għandha tissostitwixxi r-rekwiżiti tekniċi stipulati fl-Anness III b'referenza diretta għar-rekwiżiti korrispondenti tar-Regolamenti tal-UNECE Nru 51 u Nru 59. | 2. Meta *l-valuri* ta' limitu relatati mal-metodu tal-ittestjar ikunu stabbiliti fir-Regolament tal-UNECE Nru 51, il-Kummissjoni għandha ***tivvaluta l-possibilità li*** tissostitwixxi r-rekwiżiti tekniċi stipulati fl-Anness III b'referenza diretta għar-rekwiżiti korrispondenti tar-Regolamenti tal-UNECE Nru 51 u Nru 59***, bil-kundizzjoni li dawn ma jwasslux għal dgħufija tal-istandards ambjentali u tas-saħħa tal-UE, u filwaqt li tqis kif xieraq l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex l-Anness III jiġi emendat b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Skont l-Artikolu 290 tat-TFUE, l-elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv biss jistgħu jkunu ddelegati lill-Kummissjoni, filwaqt li l-elementi essenzjali għandhom jiġu riżervati għall-att leġiżlattiv innifsu. Id-dispożizzjonijiet tal-Anness III, jiġifieri, il-valuri ta' limitu tal-istorbju u ż-żmien tat-tħejjija (il-fażijiet), huma elementi essenzjali tal-proposta u għandhom, għaldaqstant, ikunu riżervati għall-koleġiżlaturi.*

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Is-setgħat tal-adozzjoni ta'*** atti ddelegati ***huma kkonferiti*** lill-Kummissjoni bla ħsara għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu. | 1. ***Is-setgħa li tadotta*** atti ddelegati ***hija kkonferita*** lill-Kummissjoni b'suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu. |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija meħtieġa sabiex il-proposta tal-Kummissjoni tiġi allinjata mal-formulazzjoni standard ġdida rigward l-atti delegati.*

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 10(1) *għandhom ikunu kkonferiti* lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***żmien indeterminat*** mid-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. | 2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 10(1) *għandha tkun ikkonferita* lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***ħames snin*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġġedded b'mod taċitu għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jopponi tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-delega tas-setgħa lill-Kummissjoni għandha tkun limitata għal perjodu ta' ħames snin, li jista' jiġi estiż jekk jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, pereżempju l-kondizzjoni li għandu jsir abbozz ta' rapport u li l-Parlament u l-Kunsill ma jopponuhx. Din l-emenda tqis il-kliem standard ġdid għall-atti delegati.*

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'din id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' ebda att iddelegat diġà fis-seħħ. | 3. *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.* |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija meħtieġa sabiex il-proposta tal-Kummissjoni tiġi allinjata mal-formulazzjoni standard ġdida rigward l-atti delegati.*

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 10(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika tal-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li huma ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***b'xahar*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | 5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 10(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika tal-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li huma ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***b'xahrejn*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija meħtieġa sabiex il-proposta tal-Kummissjoni tiġi allinjata mal-formulazzjoni standard ġdida rigward l-atti delegati..*

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 12*** | ***imħassar*** |
| ***Oġġezzjonijiet għal atti ddelegati*** | |
| ***1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att iddelegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar.*** | |
| ***2. Jekk, meta jiskadi dan il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att iddelegat, jew jekk, qabel din id-data, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu infurmaw lill-Kummissjoni Ewropea li huma ddeċidew li ma joġġezzjonawx, l-att iddelegat jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata fid-dispożizzjonijiet tiegħu.*** | |
| ***3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għall-att iddelegat adottat, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-oġġezzjoni għall-att iddelegat.*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 12 huwa superfluwu fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(5). Għaldaqstant, din l-emenda tallinja l-proposta tal-Kummissjoni mal-formulazzjoni standard ġdida rigward l-atti delegati.*

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Proċedura ta' urġenza*** | ***imħassar*** |
| ***1. L-atti ddelegati adottati skont l-Artikolu 10(1) għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att iddelegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.*** | |
| ***2. Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att iddelegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(5). F'tali każ, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att bla dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*L-użu tal-proċedura ta' urġenza ma ġiex ġustifikat kif dovut, la fl-Artikolu 10 u l-anqas fil-premessi, u għalhekk l-Artikolu 13 għandu jitħassar.*

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Annes I – punt 5.2.2.a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5.2.2.a Il-valuri ta' limitu stabbiliti fit-tabella fl-Anness III japplikaw b'marġni ta' tolleranza raġonevoli waqt il-kejl.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjonijiet attwali fir-regolamenti kollha dwar l-istorbju jippermettu tolleranza għall-produzzjoni.*

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3.2.1. – sentenza 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3.2.1. Il-vettura ttestjata għandha ***tingħażel b'mod li l-vetturi kollha tal-istess tip*** li jitqiegħdu fis-suq ***jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament***. | 3.2.1. Il-vettura ttestjata għandha ***tirrappreżenta lill-vetturi*** li ***għandhom*** jitqiegħdu fis-suq ***kif speċifikat mill-manifattur***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjonijiet attwali fir-regolamenti kollha dwar l-istorbju jippermettu tolleranza għall-produzzjoni.*

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3.2.2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3.2.2. L-emissjonijiet tal-ħoss tad-dawrien tat-tajers qegħdin stipulati fir-Regolament (*KR*) Nru 661/2009 dwar is-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur. It-tajers li għandhom jintużaw għat-test għandhom ikunu rappreżentattivi għall-vettura u għandhom jingħażlu mill-manifattur tal-vettura u jiġu rreġistrati fl-Appendiċi 3 tal-Anness I ma' dan ir-Regolament. Għandhom jikkorrispondu għal wieħed mid-daqsijiet tat-tajers maħsuba għall-vettura bħala tagħmir oriġinali. It-tajer huwa, jew se jkun, fis-suq, disponibbli għax-xiri fl-istess żmien tal-vettura. 2/ *It-tyres* għandhom jintefħu għall-pressjoni rakkomandata mill-manifattur għall-massa tat-test tal-vettura. It-tajers *iridu jkollhom **mill-inqas*** il-fond legali tal-flieli tal-wiċċ ta' barra. | 3.2.2. L-emissjonijiet tal-ħoss tad-dawrien tat-tajers qegħdin stipulati fir-Regolament (*KE*) Nru 661/2009 dwar is-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur. It-tajers li għandhom jintużaw għat-test għandhom ikunu rappreżentattivi għall-vettura u għandhom jingħażlu mill-manifattur tal-vettura u jiġu rreġistrati fl-Appendiċi 3 tal-Anness I ma' dan ir-Regolament. Għandhom jikkorrispondu għal wieħed mid-daqsijiet tat-tajers maħsuba għall-vettura bħala tagħmir oriġinali. It-tajer huwa, jew se jkun, fis-suq, disponibbli għax-xiri fl-istess żmien tal-vettura. [2/] *It-tajers* għandhom jintefħu għall-pressjoni rakkomandata mill-manifattur għall-massa tat-test tal-vettura. It-tajers *irid ikollhom* il-fond legali tal-flieli tal-wiċċ ta' barra. |
| [2/] Minħabba li l-kontribut tat-tajers għall-emissjonijiet tal-ħoss huwa sinifikanti, iridu jitqiesu d-dispożizzjonijiet attwali dwar l- | [2/] Minħabba li l-kontribut tat-tajers għall-emissjonijiet tal-ħoss huwa sinifikanti, iridu jitqiesu d-dispożizzjonijiet attwali dwar l- |

| | |
|---|---|
| emissjonijiet tal-ħoss tat-tajers mat-triq. It-tajers tat-trazzjoni, it-tajers għas-silġ u tajers ta' użi speċjali għandhom jiġu esklużi mit-teħid tal-qisien għall-approvazzjoni tat-tip u tal-konformità, fuq talba tal-manifattur, skont ***ir-Regolament Nru 117 tal-UNECE (ĠU L 231, 29.8.2008, p. 19)***. | emissjonijiet tal-ħoss tat-tajers mat-triq. It-tajers tat-trazzjoni, it-tajers għas-silġ u tajers ta' użi speċjali għandhom jiġu esklużi mit-teħid tal-qisien għall-approvazzjoni tat-tip u tal-konformità, fuq talba tal-manifattur, skont ***l-aħħar emendi għar-Regolament tal-UNECE Nru 117***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Skont il-qbil li sar fl-2011 fit-53 sessjoni tal-GRB - grupp ta' esperti dwar l-istorbju tal-Grupp ta' Ħidma 29 (il-Grupp ta' Ħidma responsabbli biex jiżviluppa standards dinjija armonizzati tal-vetturi) tal-UNECE f'Ġinevra, li tagħha hija membru l-Kummissjoni Ewropea.*

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 4.1.2.1.4.1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4.1.2.1.4.1. Il-vetturi bi trażmissjoni manwali, bi trażmissjonijiet awtomatiċi, bi trażmissjonijiet adattivi jew b'CVTs ittesjati bi proporzjonijiet tal-ingranaġġ illokjati | 4.1.2.1.4.1. Il-vetturi bi trażmissjoni manwali, bi trażmissjonijiet awtomatiċi, bi trażmissjonijiet adattivi jew b'CVTs ittesjati bi proporzjonijiet tal-ingranaġġ illokjati |
| Huma possibbli l-kundizzjonijiet li ġejjin għall-għażla tal-proporzjonijiet tal-ingranaġġ : | Huma possibbli l-kundizzjonijiet li ġejjin għall-għażla tal-proporzjonijiet tal-ingranaġġ : |
| (a) Jekk proporzjon tal-ingranagg wieħed speċifiku jagħti aċċelerazzjoni f'faxxa ta' tolleranzi ta' ±5 % tal-aċċelerazzjoni ta' referenza $a_{wot}$ ref, mingħajr ma jinqabżu ***it-3,0 m/s²***, ittestja b'dak il-proporzjon tal-ingranaġġ. | (a) Jekk proporzjon tal-ingranagg wieħed speċifiku jagħti aċċelerazzjoni f'faxxa ta' tolleranzi ta' ±5 % tal-aċċelerazzjoni ta' referenza $a_{wot}$ ref, mingħajr ma jinqabżu ***it-2,0 m/s²***, ittestja b'dak il-proporzjon tal-ingranaġġ. |
| (b) Jekk l-ebda wieħed mill-proporzjonijiet tal-ingranaġġ ma jagħti l-aċċelerazzjoni meħtieġa, mela agħżel proporzjon tal-gerijiet i, b'aċċelerazzjoni akbar u proporzjon tal-gerijiet i+1, b'aċċelerazzjoni iżgħar mill-aċċelerazzjoni ta' referenza. Jekk il-valur tal-aċċelerazzjoni fil-proporzjon tal-ingranaġġ i ma jaqbiżx ***it-3,0 m/s²***, uża ż-żewġ proporzjonijiet tal-gerijiet għat-test. Il-proporzjon tat-tagħbija | (b) Jekk l-ebda wieħed mill-proporzjonijiet tal-ingranaġġ ma jagħti l-aċċelerazzjoni meħtieġa, mela agħżel proporzjon tal-gerijiet i, b'aċċelerazzjoni akbar u proporzjon tal-gerijiet i+1, b'aċċelerazzjoni iżgħar mill-aċċelerazzjoni ta' referenza. Jekk il-valur tal-aċċelerazzjoni fil-proporzjon tal-ingranaġġ i ma jaqbiżx ***it-2.0 m/s²***, uża ż-żewġ proporzjonijiet tal-gerijiet għat-test. Il-proporzjon tat-tagħbija |

| | |
|---|---|
| b'relazzjoni għall-aċċelerazzjoni ta' referenza awot ref jiġi kkalkulat permezz ta': | b'relazzjoni għall-aċċelerazzjoni ta' referenza awot ref jiġi kkalkulat permezz ta': |
| $k = (a_{wot\ ref} - a_{wot\ (i+1)}) / (a_{wot\ (i)} - a_{wot\ (i+1)})$ | $k = (a_{wot\ ref} - a_{wot\ (i+1)}) / (a_{wot\ (i)} - a_{wot\ (i+1)})$ |
| (c) jekk il-valur tal-aċċelerazzjoni tal-proporzjon tal-ingranaġġ i jaqbeż ***it-3,0 m/s2***, għandu jintuża l-ewwel proporzjon tal-ingranaġġ li jagħti aċċelerazzjoni inqas minn ***3,0 m/s²*** ħlief jekk il-proporzjon tal-ingranaġġ i+1 jipprovdi aċċelerazzjoni iżgħar minn aurban. F'dan il-każ, għandhom jintużaw żewġ gerijiet, i u i+1, inkluż il-ger i b'aċċelerazzjoni li taqbeż ***it-3,0 m/s²***. F'każi oħra, ma għandu jintuża l-ebda ger ieħor. Għall-kalkolu tal-fattur parzjali tal-potenza kP għandha tintuża l-aċċelerazzjoni milħuqa waqt it-test awot test minflok $_{awot\ ref}$. | (c) jekk il-valur tal-aċċelerazzjoni tal-proporzjon tal-ingranaġġ i jaqbeż ***it-2.0 m/s²***, għandu jintuża l-ewwel proporzjon tal-ingranaġġ li jagħti aċċelerazzjoni inqas minn ***2.0 m/s²*** ħlief jekk il-proporzjon tal-ingranaġġ i+1 jipprovdi aċċelerazzjoni iżgħar minn aurban. F'dan il-każ, għandhom jintużaw żewġ gerijiet, i u i+1, inkluż il-ger i bl-aċċelerazzjoni li taqbeż ***it-2,0 m/s²***. F'każi oħra, ma għandu jintuża l-ebda ger ieħor. Għall-kalkolu tal-fattur parzjali tal-potenza kP għandha tintuża l-aċċelerazzjoni milħuqa waqt it-test awot test minflok $a_{wot\ ref}$. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-istatistika tas-sewqan disponibbli u użata għall-iżvilupp ta' Proċedura Globali tal-Ittestjar tal-Vetturi għal Xogħol Ħafif turi li rata ta' aċċelerazzjoni ogħla minn 2 m/s² m'hijiex ġustifikata. Barra minn hekk, il-proċedura ta' monitoraġġ obbligatorja għal dan ir-Regolament il-ġdid bejn l-2007 u l-2010 kienet ibbażata fuq definizzjoni tat-test ta' 2 m/s².*

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Anness III**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**<u>Anness III</u>**
**Valuri ta' limitu**

Il-livell tal-ħoss imkejjel skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness II ma għandux jaqbeż il-limiti li ġejjin:

| ***Il-kategorija tal-vettura*** | ***Deskrizzjoni tal-kategorija tal-vettura*** | ***Il-valuri ta' limitu espressi f'dB(A) [decibels(A)]*** | | |
|---|---|---|---|---|
| | | ***Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi*** | ***Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi*** | ***Valuri ta' limitu għal reġistrazzjoni, bejgħ u dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda*** |
| | | ***L-ewwel fażi valida minn*** | ***It-tieni fażi valida minn*** | ***It-tielet fażi valida minn [seba' snin wara l-*** |

| | | [sentejn wara l-pubblikazzjoni] | | [ħames snin wara l-pubblikazzjoni] | | pubblikazzjoni] | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Ġenerali | Off-road * | Ġenerali | Off-road * | Ġenerali | Off-road * |
| M | Vetturi użati għall-ġarr tal-passiġġieri | | | | | | |
| $M_1$ | nru ta' sits ≤ 9 | 70 | 71** | 68 | 69** | 68 | 69** |
| $M_1$ | nru ta' sits ≤ 9; Il-proporzjon tal-potenza mqabbla mal-massa > 150 kW/ton | 71 | 71 | 69 | 69 | 69 | 69 |
| $M_2$ | nru ta' sits > 9; massa ≤ 2 tunnellati | 72 | 72 | 70 | 70 | 70 | 70 |
| $M_2$ | nru ta' sits > 9; 2 tunnellati < massa ≤ 3.5 tunnellati | 73 | 74 | 71 | 72 | 71 | 72 |
| $M_2$ | nru ta' sits > 9; 3.5 tunnellati < massa ≤ 5 tunnellati; potenza nominali tal-magna < 150 kW | 74 | 75 | 72 | 73 | 72 | 73 |
| $M_2$ | nru ta' sits > 9; 3.5 tunnellati < massa ≤ 5 tunnellati; potenza nominali tal-magna ≥ 150 kW | 76 | 78 | 74 | 76 | 74 | 76 |
| $M_3$ | nru ta' sits > 9; massa > 5 tunnellati; potenza nominali tal-magna < 150 kW | 75 | 76 | 73 | 74 | 73 | 74 |
| $M_3$ | nru ta' sits > 9; massa > 5 tunnellati; Potenza nominali tal-magna ≥ 150 kW | 77 | 79 | 75 | 77 | 75 | 77 |
| N | Vetturi użati għall-ġarr tal-merkanzija | | | | | | |
| $N_1$ | massa ≤ 2 tunnellati | 71 | 71 | 69 | 69 | 69 | 69 |
| $N_1$ | 2 tunnellati < massa ≤ 3.5 tunnellati | 72 | 73 | 70 | 71 | 70 | 71 |
| $N_2$ | 3.5 tunnellati < massa ≤ 12-il tunnellata; potenza nominali tal-magna < 75 kW | 74 | 75 | 72 | 73 | 72 | 73 |
| $N_2$ | 3.5 tunnellati < massa ≤ 12-il tunnellata; 75 ≤ potenza nominali tal- | 75 | 76 | 73 | 74 | 73 | 74 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | *magna < 150 kW* | | | | | | |
| *$N_2$* | *3.5 tunnellati < massa ≤ 12-il tunnellata; potenza nominali tal-magna ≥ 150 kW* | *77* | *79* | *75* | *77* | *75* | *77* |
| *$N_3$* | *massa > 12-il tunnellata; 75 ≤ potenza nominali tal-magna < 150 kW* | *77* | *78* | *75* | *76* | *75* | *76* |
| *$N_3$* | *massa > 12-il tunnellata; potenza nominali tal-magna ≥ 150 kW* | *80* | *82* | *78* | *80* | *78* | *80* |
| | | | | | | | |

| | |
|---|---|
| * | ***Il-valuri ta' limitu miżjuda għandhom ikunu validi biss jekk il-vettura tikkonforma mad-definizzjoni rilevanti għall-vetturi off-road stabbilita fil-punt 4 tat-Taqsima A tal-Anness II għad-Direttiva tal-UE 2007/46/KE.*** |
| ** | ***Għall-vetturi $M_1$ il-valuri ta' limitu miżjuda għall-vetturi off-road ikunu validi biss jekk il-massa massima awtorizzata tkun ta' > 2 tunnellati.*** |

*Emenda*

**<u>Anness III</u>**
**Valuri ta' limitu**

Il-livell tal-ħoss imkejjel skont id-dispo¿izzjonijiet tal-Anness II ***u mqarreb 'l isfel għall-eqreb numru sħiħ meta l-parti frazzjonali tkun inqas minn 0,5 u mqarreb 'il fuq għall-eqreb numru sħiħ jekk il-parti frazzjonali tkun daqs jew ikbar minn 0,5*** ma għandux jaqbe¿ il-limiti li ġejjin:

| ***Il-kategorija tal-vettura*** | ***Deskrizzjoni tal-kategorija tal-vettura*** | ***Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi espressi f'dB(A) [decibels(A)]**** | ***Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi u għal reġistrazzjoni, bejgħ u dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda espressi f'dB(A) [decibels(A)]**** |
|---|---|---|---|
| | | ***L-ewwel fażi valida minn [sitt snin wara l-pubblikazzjoni]*** | ***It-tieni fażi valida minn [tmien snin wara l-pubblikazzjoni]*** |
| **M** | **Vetturi użati għall-ġarr tal-passiġġieri** | | |
| ***$M_1$*** | ***nru ta' sits ≤ 9; ≤ 125 kW/ton*** | ***68*** | ***68*** |
| | ***nru ta' sits ≤ 9; 125kW/ton < il-proporzjon tal-potenza mqabbla mal-massa ≤ 150kW/ton*** | ***69*** | ***69*** |
| | ***nru ta' sits ≤ 9; proporzjon tal-potenza mqabbla mal-massa > 150kW/ton*** | ***71*** | ***71*** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| $M_2$ | *nru ta' sits > 9; massa ≤ 2.5 tunnellati* | *69* | *69* |
| | *nru ta' sits > 9; 2,5 tunnellati < massa < 3.5 tunnellati* | *71* | *71* |
| | *nru ta' sits < 9; 3.5 tunnellati < massa < 5 tunnellati;* | *72* | *72* |
| $M_3$ | *nru ta' sits > 9; massa > 5 tunnellati; potenza nominali tal-magna ≤ 180kW* | *73* | *73* |
| | *nru ta' sits > 9; massa > 5 tunnellati; 180 kW < potenza nominali tal-magna ≤ 250kW* | *75* | *75* |
| | *nru ta' sits > 9; massa > 5 tunnellati; potenza nominali tal-magna > 250kW* | *76* | *76* |
| **N** | **Vetturi użati għall-ġarr tal-merkanzija** | | |
| $N_1$ | *massa < 2.5 tunnellati* | *69* | *69* |
| | *2.5 tunnellati < massa < 3.5 tunnellati* | *70* | *70* |
| $N_2$ | *3.5 tunnellati < massa < 12-il tunnellata; potenza nominali tal-magna < 150 kW* | *72* | *72* |
| | *3.5 tunnellati < massa ≤ 12-il tunnellata potenza nominali tal-magna > 150kW* | *75* | *75* |
| $N_3$ | *massa > 12-il tunnellata; potenza nominali tal-magna ≤ 180kW* | *75* | *75* |
| | *massa > 12-il tunnellata; 180 < potenza nominali tal-magna ≤ 250kW* | *77* | *77* |
| | *massa > 12-il tunnellata; potenza nominali tal-magna > 250 kW* | *79* | *79* |

| | |
|---|---|
| | |
| * | ***Il-valuri ta' limitu għandhom jiżdiedu b'1db għall-vetturi li jissodisfaw id-definizzjoni rilevanti għall-vetturi off-road stipulata fil-punt 4 tat-Taqsima A tal-Anness II għad-Direttiva 2007/46/KE.*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Anness VI – punt 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Trid tintgħażel vettura waħda li mbagħad tiġi soġġetta għat-testijiet stabbiliti fil-punt 2. Jekk ir-riżultati tat-testijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-COP tal-Anness X tad-Direttiva 2007/46/KE, il-vettura għandha titqies li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-COP. | Trid tintgħażel vettura waħda li mbagħad tiġi soġġetta għat-testijiet stabbiliti fil-punt 2. Jekk ir-riżultati tat-testijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-COP tal-Anness X tad-Direttiva 2007/46/KE, il-vettura għandha titqies li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-COP. ***Ir-rekwiżiti tal-COP applikabbli huma l-valuri ta' limitu stipulati fl-Anness III bil-marġni addizzjonali ta' 1 dB(A).*** |

*Ġustifikazzjoni*

*B'konsistenza ma' regolamenti oħrajn bħalma hu r-Regolament 661/2009, u bi qbil mal-ispeċifikazzjonijiet fil-leġiżlazzjoni attwali, qed jiġi previst marġni addizzjonali ta' +1 dB għal testijiet fil-konformità tal-produzzjoni.*

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – punt 1 – nota ta' qiegħ il-paġna 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *1/ **ISO10844:1994**.* | ***1/Għall-ewwel ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-manufatturi jistgħu jużaw il-mogħdijiet tat-test ċertifikati skont l-ISO 10844:1994 jew l-ISO 10844:2011. Wara dik id-data, il-manufatturi għandhom jużaw il-mogħdijiet tat-test li jikkonformaw mal-ISO 10844:2011 biss.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-ISO 10844:1994 ġie aġġornat f'Marzu 2011 fl-istandard ISO 10844:2011 il-ġdid. Madankollu t-test il-ġdid għadu ma ddaħħalx fir-regolamenti kollha tal-UNECE dwar il-faċilitajiet tal-ittestjar ta' vetturi u tajers. Minħabba f'hekk, huwa importanti li jkun hemm perjodu ta' tranżizzjoni bejn iż-żewġ standards biex tingħata l-opportunità lill-manufatturi jerġgħu jibnu l-mogħdijiet jekk ikun il-każ u għall-UNECE biex tintroduċi riferiment għall-*

*istandard il-ġdid fir-regolamenti tagħha.*

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – punt 3.2.2 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Barra r-rekwiżiti stipulati taħt il-punti 1 sa 3.2.2, ir-rekwiżiti li ġejjin għandhom jiġu *sodisfatti*: | Barra r-rekwiżiti stipulati taħt il-punti 1 sa 3.2.2, ir-rekwiżiti li ġejjin ***tal-ISO 108:2011*** għandhom jiġu *ssodisfati* ***jew għandu jsir riferiment għall-ISO 10844:1994 għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' 5 snin***: |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan ir-rekwiżit għandu jkun konsistenti kemm mal-paragrafu 1 tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament kif ukoll max-xogħol li sar mill-UNECE. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Paragrafu mill-punt (a) sa (g) huma meħuda mill-Istandard ISO 10844:2011. Madankollu, tali standard għadu mhux inkluż fl-ebda Regolament tal-UNECE. Għalhekk huwa neċessarju li jsir riferiment ukoll għall-verżjoni preċedenti tal-Istandard ISO 10844:1994 għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' ħames snin biex l-UNECE titħalla tagħmel ir-regolamenti tagħha stess u biex il-faċilitajiet tal-ittestjar jintroduċu l-bidliet mitluba mill-verżjoni tal-2011 ta' dan l-istandard.*

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – punt 4.3.**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4.3. Għall-fini ta' dan l-istandard, il-qisien tal-fond tal-istruttura għandhom jittieħdu fuq mill-inqas 10 pożizzjonijiet li bejniethom hemm l-istess spazju tul il-mogħdija tar-roti tal-istrixxa tat-test, u għandu jittieħed il-valur medju biex jitqabbel mal-fond minimu tal-istruttura speċifikat. Ara ***l-ISO 10844:1994*** għad-deskrizzjoni ta' din il-proċedura. | 4.3. Għall-fini ta' dan l-istandard, il-qisien tal-fond tal-istruttura għandhom jittieħdu fuq mill-inqas 10 pożizzjonijiet li bejniethom hemm l-istess spazju tul il-mogħdija tar-roti tal-istrixxa tat-test, u għandu jittieħed il-valur medju biex jitqabbel mal-fond minimu tal-istruttura speċifikat. Ara ***l-ISO 10844:2011*** għad-deskrizzjoni ta' din il-proċedura. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament għandu jkun konformi mal-Istandards ISO attwali.*

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – punt 2.3. – linja 4 "L-aċċelerazzjoni tal-vettura"**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-aċċelerazzjoni tal-vettura $a_{WOT}$_ASEP: $a_{wot} \leq$ ***5,0*** $m/s^2$ | L-aċċelerazzjoni tal-vettura $a_{WOT}$_ASEP: $a_{wot} \leq$ ***5,0*** $m/s^2$ |

*Ġustifikazzjoni*

*L-aċċelerazzjoni meħtieġa fit-test ASEP, skont il-proposta tal-Kummissjoni, mhijiex rappreżentattiva biżżejjed tal-kundizzjonijiet ta' sewqan f'żoni urbani. Barra minn hekk, it-test isir dejjem iktar kumpless u diffiċli biex jerġa' jsir b'mod konsistenti ma' aċċelerazzjonijiet ogħla. Is-sett tad-data użat għall-ASEP mhuwiex derivat mid-data tal-Metodu B. Fil-fatt, il-Metodu B u l-ASEP mhumiex relatati u għalhekk m'hemmx bżonn li l-bidla tal-Metodu B tiġi replikata għat-test ASEP. Minbarra dan, ma saritx valutazzjoni tal-impatt sħiħa biex jittieħed kont tal-bidla minn 4.0 għal 5.0 $m/s^2$.*

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – punt 2.4. – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
|  | ***Sabiex it-test ASEP ikun rappreżentattiv u ripetibbli (għall-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip), il-vetturi għandhom ikunu ttestjati bl-użu tal-kalibrar tal-gerboks ta' produzzjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-użu tal-kalibrar tal-gerboks ta' produzzjoni huwa meħtieġ għal dawn ir-raġunijiet: Billi l-gerboks trid taħdem barra mill-parametri "normali", jeħtieġ li tiġi kkalibrata biex ċerti gerijiet magħżula "jinżammu" matul it-test ASEP. Biex din l-operazzjoni ssir, mhuwiex disponibbli kalibrar speċjali għall-karozzi ta' produzzjoni. Il-konformità tal-produzzjoni għalhekk ma tistax tinkiseb. Aċċelerazzjoni mhux lineari: iż-żamma ta' ger għoli u l-applikazzjoni tal-potenza massima bl-RPM baxx (Rivoluzzjoni kull Minuta) tista' tikkawża l-"flaring" tal-RPM tal-magna. Il-"flaring" huwa kkawżat mill-fatt li l-konvertitur tat-torque*

*jerħi b'numru baxx ta' RPM.*

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Anness IX – parti A – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Is-Sistema ta' Twissija Akustika ta' Vettura (AVAS) hija ***mezz li tiġġenera l-ħoss maħluqa biex tinforma*** lil min ikun bil-mixi fit-triq u l-utenti vulnerabbli tat-toroq. | Is-Sistema ta’ Twissija Akustika ta' Vettura (AVAS) hija ***sistema għall-vetturi tat-trasport fit-triq elettriċi ibridi u elettriċi, li tipprovdi informazzjoni dwar it-tħaddim tal-vettura*** lil min ikun bil-mixi fit-triq u l-utenti vulnerabbli tat-toroq. |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni tal-AVAS fl-Anness IX korrispondenti għandha tkun konformi mad-definizzjoni tal-AVAS fl-Artikolu 3(21).*

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Anness IX – parti A – punt 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Il-ħoss li jrid ikun iġġenerat mill-AVAS għandu jkun ħoss kontinwu li jipprovdi informazzjoni li vettura qed titħaddem lil min ikun miexi fit-triq u lill-utenti vulnerabbli tat-toroq. | (a) Il-ħoss li jrid ikun iġġenerat mill-AVAS għandu jkun ħoss kontinwu li jipprovdi informazzjoni li vettura qed titħaddem lil min ikun miexi fit-triq u lill-utenti vulnerabbli tat-toroq. ***Il-ħoss għandu jkun faċilment indikattiv tal-imġiba tal-vettura u għandu jkun simili għall-ħoss ta' vettura tal-istess kategorija mgħammra b'magna tal-kombustjoni interna.*** |
| ***Madankollu, l-ħsejjes li ġejjin u tipi simili ta' ħsejjes mhumiex aċċettabbli:*** | |
| ***(i) Sirena, tromba, sett ta' qniepen intunati (chime), qanpiena u ħsejjes ta' vettura ta' emerġenza*** | |
| ***(ii) Ħsejjes tal-allarm eż. allarm tan-nar, tas-serq, jew tad-duħħan*** | |

***(iii) Ħoss intermittenti***

***Dawn il-ħsejjes li ġejjin u tipi simili ta' ħsejjes għandhom jiġu evitati:***

***(iv) Ħsejjes melodjużi, ħsejjes tal-annimali u l-insetti***

***(v) Ħsejjes li jfixklu l-identifikazzjoni ta' vettura u/jew tat-tħaddim tagħha (eż. aċċelerazzjoni, deċelerazzjoni, eċċ.)***

*Ġustifikazzjoni*

*L-enumerazzjoni tat-tipi differenti ta' ħsejjes li mhumiex aċċettabbli għall-użu fl-AVAS għandha tiġi sostitwita b'deskrizzjoni ċara tal-karatteristiċi tal-ħsejjes li huma aċċettabbli.*

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Anness IX – parti A – punt 4 – punti b u c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|
| **Anness IX** | |
| (b) | Il-ħoss li jrid jiġi ġġenerat mill-AVAS ***għandu*** jkun indikattiv faċilment tal-imġiba tal-vettura, per eżempju, permezz ta' varjazzjoni awtomatika tal-livell tal-ħoss jew il-karatteristiċi f'sinkronizzazzjoni mal-veloċità tal-vettura. |
| (c) | Il-livell tal-ħoss li jrid jiġi ġġenerat mill-AVAS ma ***għandux*** jaqbeż il-livell tal-ħoss approssimattiv għal vettura simili tal-istess kategorija mgħammra b'magna tal-kombustjoni interna u li topera fl-istess kundizzjonijiet.<br>Konsiderazzjonijiet għall-ambjent:<br>L-iżvilupp tal-AVAS għandu jagħti konsiderazzjoni għall-impatt tal-istorbju ġenerali tal-komunità. |

*Emenda*

| **<u>Anness IX</u>** | |
|---|---|
| (b) | Il-ħoss li jrid jiġi ġġenerat mill-AVAS ***jeħtieġ li*** jkun indikattiv faċilment tal-imġiba tal-vettura u d-direzzjoni tal-vettura, per eżempju, permezz ta' varjazzjoni awtomatika tal-livell tal-ħoss jew il-karatteristiċi f'sinkronizzazzjoni mal-veloċità tal-vettura. |
| (c) | Il-livell tal-ħoss li jrid jiġi ġġenerat mill-AVAS ma ***jistax*** jaqbeż il-livell tal-ħoss approssimattiv għal vettura simili tal-istess kategorija mgħammra b'magna tal-kombustjoni interna u li topera fl-istess kundizzjonijiet.<br>Konsiderazzjonijiet għall-ambjent:<br>L-iżvilupp tal-AVAS għandu jagħti konsiderazzjoni għall-impatt tal-istorbju ġenerali tal-komunità. |

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta għal Regolament tal-Kummissjoni dwar il-livell tal-ħoss ta' vetturi bil-mutur għandha bħala l-għan ewlieni tagħha l-protezzjoni tas-saħħa pubblika u l-ambjent permezz ta' miżuri biex jitnaqqas il-livell tal-ħoss tal-vetturi bil-mutur.

Il-proposta tintroduċi metodu ta' ttestjar ġdid biex jitkejjel il-livell tal-ħoss tal-vetturi bil-mutur u valuri ta' limitu tal-istorbju ġodda għal kategoriji differenti ta' vetturi ħfif, ta' daqs medju u tqal.

Ir-rapporteur jappoġġa d-direzzjoni ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni bħala pass importanti fil-ġlieda biex jingħelbu l-effetti fuq is-saħħa pubblika u dawk ambjentali tal-emissjonijiet tal-istorbju mill-vetturi bil-mutur. Madankollu, ir-rapporteur jikkunsidra li l-proposta tal-Kummissjoni tibbenefika min għadd ta' addizzjonijiet u aġġustamenti tekniċi, b'mod partikolari biex tipprovdi inċentivi għall-manifattur u x-xerrej ta' vetturi b'livelli ta' ħoss iktar baxxi. Ir-rapporteur jirrikonoxxi wkoll li l-istorbju mill-vetturi bil-mutur għandu sorsi multipli, fosthom il-magna, it-tajers, is-superfiċje tat-triq u l-istorbju tal-aerodinamika.

Attwalment il-proposta tal-Kummissjoni ma tpoġġix biżżejjed enfasi fuq l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-livell tal-ħoss tal-vetturi bil-mutur. Ir-rapporteur jappoġġa l-introduzzjoni ta' skema ta' tikkettar dwar l-emissjonijiet tal-istorbju tal-vetturi sabiex jiġu promossi vetturi b'livell baxx ta' storbju u sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażla infurmata qabel ix-xiri ta' vettura.

Il-kwalità tas-superfiċji tat-toroq hija kruċjali fl-influwenza tal-emissjonijiet tal-ħoss tad-dawrien tal-vetturi. Ir-rapporteur jemmen li l-proposta tal-Kummissjoni tista' titjieb permezz tal-introduzzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni tat-toroq li tippermetti lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet nazzonali u lokali tagħhom jimmonitorjaw u jivvalutaw b'mod iktar effikaċi l-kwalità tas-superfiċji tat-toroq tagħhom bl-għan li jitnaqqas l-impatt fuq il-livelli tal-istorbju b'mod ġenerali.

Ir-rapporteur jissuġġerixxi wkoll għadd ta' emendi għar-rekwiżiti tekniċi li jirregolaw il-metodi għall-kejl tal-livelli tal-istorbju tal-vetturi bil-mutur u għad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-valuri ta' limitu, sabiex il-proposta tiġi aġġornata mal-iżviluppi tekniċi fil-proċeduri ta' ttestjar u sabiex titjieb il-fattibilità ġenerali tar-rekwiżiti. Dawn jinkludu tibdil fid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-fond tal-wiċċ tat-tajers u fir-rata ta' aċċelerazzjoni fir-rigward tal-kondizzjonijiet għall-għażla tal-proporzjonijiet tal-gerijiet. Ir-rapporteur jipproponi wkoll ċertu tibdil fil-kategorizzazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-applikabilità tal-valuri ta' limitu tal-istorbju.

Finalment, ir-rapporteur jikkunsidra li l-iffissar ta' valuri ta' limitu (u d-dati meta dawk il-valuri jsiru applikabbli) għall-kategoriji ta' vetturi kif stipulat fl-Anness III tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkostitwixxi element essenzjali tar-Regolament, li għandu jiġi ddeterminat mill-koleġiżlaturi. Għaldaqstant, ir-rapporteur ma jistax jappoġġa l-proposta biex il-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li temenda dawk l-aspetti tar-Regolament permezz ta' atti ddelegati, u għalhekk, jipproponi li kwalunkwe emenda futura tingħata effett b'kodeċiżjoni skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

20.6.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur
(COM(2011)0856 – C7-0487/2011 – 2011/0409(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Gilles Pargneaux

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

**1. Introduzzjoni**

Il-proposta għal Regolament tirrigwarda l-karozzi privati, vetturi kummerċjali ħfief, karozzi tal-linja, vannijiet żgħar, kowċis u trakkijiet. Fil-preżent, l-emissjonijiet ta' ħsejjes ta' vetturi bil-mutur b'erba' roti huma regolati permezz tad-Direttiva 70/157/KEE u 12-il direttiva relatata. Il-Kummissjoni għandha l-għan li timmodernizza l-qafas legali attwali sabiex tikseb l-objettivi li ġejjin:

- **Simplifikazzjoni tal-qafas legali.** Id-Direttiva 70/157/KE u t-12-il direttiva relatata jiġu revokati u sostituti mir-Regolament li jipproponi li jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni u d-dispożizzjonijiet essenzjali.

- **Introduzzjoni ta' metodi ġdid ta' ttestjar.** Il-Grupp ta' Ħidma tal-UN-ECE stabbilixxa metodu ġdid tal-ittestjar fl-2007. Dan jagħti riżultati ta' 2db inqas meta mqabbel mal-metodu l-antik użat fid-Direttiva 70/157/KEE. Wara li ttestjat dan il-metodu ġdid għal tliet snin, il-Kummissjoni Ewropea wriet l-effikaċja tiegħu permezz ta' valutazzjoni tal-impatt.

- **Modifika tal-valuri ta' limitu.** Il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis gradwali fl-emissjonijiet tal-ħsejjes skont it-tip ta' vettura:

- għal vetturi ħfief u ta' daqs medju, tnaqqis ta' 4db applikabbli 5 snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Dan it-tnaqqis għandu jintlaħaq f'żewġ perjodi: l-ewwel objettiv ta' tnaqqis ta' 2db għall-2014, imbagħad it-tieni fażi bi tnaqqis ta' 2db oħra għall-2017. Wara dan, il-livelli tal-ħsejjes tal-vetturi ma jkunux jistgħu jaqbżu t-68db.

- għall-vetturi tqal, tnaqqis ta' 3db applikabbli 5 snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Il-limiti se jitnaqqsu b'1db għall-2014 u b'2db għall-2017. Wara dan, il-livelli tal-ħsejjes tat-trakkijiet ma jkunux jistgħu jaqbżu t-78db.

**- Il-ħtieġa ta' livell minimu ta' ħoss għall-vetturi elettriċi u elettriċi-ibridi.** Ir-rekwiżiti relatati ma' "sistemi li jinstemgħu li jinfurmaw li qed toqrob vettura" se jiżguraw li jintużaw biss vetturi li jipproduċu ħoss adegwat, u dan iwassal ukoll għal armonizzazzjoni tat-teknoloġija użata. Id-deċiżjoni jekk jinstallawhomx jew le se tibqa' f'idejn il-manifattur tal-vetturi, spjegat il-Kummissjoni.

**2. Id-dimensjoni "trasport" tal-proposta**

**Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament**

Għall-kuntrarju tal-proposta għal regolament li ġejja, ma teżisti l-ebda leġiżlazzjoni dwar il-livelli ta' ħsejjes ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti. Biex tiġi indirizzata din il-lakuna leġiżlattiva, ir-rapporteur jipproponi li fit-test tiġi introdotta referenza għall-ħtieġa ta' leġiżlazzjoni Ewropea aktar speċifika dwar l-inkonvenjent ta' ħsejjes iġġenerati minn vetturi b'żewġ jew tliet roti.

**Valuri ta' limitu ġodda**

Ir-rapporteur jipproponi li jitwal il-perjodu li fih iridu jintlaħqu l-valuri ta' limitu. Għal vetturi ħfief u ta' daqs medju, ir-rapporteur jaqbel ma' tnaqqis ta' 4db applikabbli 7 snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Dan it-tnaqqis għandu jintlaħaq f'żewġ perjodi: l-ewwel objettiv ta' tnaqqis ta' 2db għall-2014, imbagħad it-tieni fażi bi tnaqqis ta' 2db oħra għall-2019.
Rigward vetturi tqal, ir-rapporteur jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea kif inhi.

**Il-ħoss minimu ta' vetturi elettriċi u elettriċi-ibridi**

Il-vetturi elettriċi għandhom darbtejn aktar ċans li jkunu involuti f'inċidenti fl-ambjent urban minħabba li l-funzjonament tagħhom hu totalment sieket, u dan ifisser li utenti "vulnerabbli", u aktar u aktar il-persuni neqsin mid-dawl, ma jindunawx bihom. Għaldaqstant, ir-rapporteur jipproponi li l-istallazzjoni ta' sistema ta' twissija li tinstema' għandha tkun obbligatorja għall-manifatturi tal-vetturi, u mhux fakultattiva kif tixtieqha l-Kummissjoni Ewropea.

## EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1) Is-suq intern huwa magħmul minn żona mingħajr fruntieri interni li fiha jrid jiġi żgurat il-moviment liberu tal-prodotti, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital. Għal dak il-għan ġiet stabbilita sistema komprensiva tal-Unjoni għall-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur. Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u s-sistemi tal-egżost tagħhom fir-rigward tal-livelli permissibbli tal-ħoss għandhom jiġu armonizzati sabiex tiġi evitata l-adozzjoni ta' rekwiżiti li huma differenti minn Stat Membru għall-ieħor u sabiex ikun żgurat it-tħaddim tajjeb tas-suq intern filwaqt li, fl-istess ħin, ikun hemm livell għoli ta' ħarsien ambjentali u sikurezza pubblika. | 1) Is-suq intern huwa magħmul minn żona mingħajr fruntieri interni li fiha jrid jiġi żgurat il-moviment liberu tal-prodotti, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital. Għal dak il-għan ġiet stabbilita sistema komprensiva tal-Unjoni għall-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur, ***peress li l-vetturi tat-triq huma l-akbar għajn ta' ħsejjes fis-settur tat-trasport***. Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u s-sistemi tal-egżost tagħhom fir-rigward tal-livelli permissibbli tal-ħoss għandhom jiġu armonizzati sabiex tiġi evitata l-adozzjoni ta' rekwiżiti li huma differenti minn Stat Membru għall-ieħor u sabiex ikun żgurat it-tħaddim tajjeb tas-suq intern filwaqt li, fl-istess ħin, ikun hemm livell għoli ta' ħarsien ambjentali u sikurezza pubblika***, kif ukoll kwalità ta' għajxien u saħħa aħjar***. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Dan ir-Regolament għandu wkoll ikompli jnaqqas il-limiti tal-istorbju. Dan għandu jqis ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom, li introduċa rekwiżiti ġodda u aktar stretti dwar l-istorbju tat-tajers tal-vetturi bil-mutur. Għandha tingħata attenzjoni lil dawk l-istudji li jenfasizzaw il-fastidju u l-effetti fuq is-saħħa li jkollu l-istorbju ġġenerat mit- | (8) Dan ir-Regolament għandu wkoll ikompli jnaqqas il-limiti tal-istorbju. Dan għandu jqis ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom, li introduċa rekwiżiti ġodda u aktar stretti dwar l-istorbju tat-tajers tal-vetturi bil-mutur ***u li enfasizzat il-ħtieġa li jkun hemm approċċ koerenti u komprensiv biex tiġi indirizzata l-problema tal-istorbju tat-toroq, inkluż billi*** |

| | |
|---|---|
| traffiku fit-triq, u l-ispejjeż u l-benefiċċji assoċjati miegħu. | ***jitqies il-kontribut sinifikanti li jagħmlu l-uċuħ tat-toroq għall-istorbju tat-toroq***. Għandha tingħata attenzjoni lil dawk l-istudji li jenfasizzaw il-fastidju u l-effetti fuq is-saħħa li jkollu l-istorbju ġġenerat mit-traffiku fit-triq, u l-ispejjeż u l-benefiċċji assoċjati miegħu. ***Dan ir-Regolament għandu jqis ukoll ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Novembru 2009 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra[1]. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li t-tajers ikunu tikkettati fir-rigward tal-prestazzjoni tal-ħoss tagħhom.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a) Bil-għan li jiġi żgurat li tnaqqis fil-ħsejjes tal-vetturi ma jwassalx għal tnaqqis fis-sikurezza tat-toroq, il-Kummissjoni jmissha teżamina l-possibilità li jiġu emendati l-Annessi ta' dan ir-Regolament biex jiġi żgurat li, bil-għan li jgħaddu mit-testijiet tal-emissjoni ta' ħsejjes, il-vetturi ma jkunux mgħammra b'tajers aktar kwieti imma anqas sikuri li imbagħad jitqiegħdu fis-servizz fit-toroq pubbliċi. Dan l-objettiv jista' jintlaħaq billi jiġu stabbiliti rekwiżiti aktar dettaljati dwar liema tipi ta' tajers jistgħu jiġu użati għal kategoriji differenti ta' vetturi skont ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1222/2009.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***8a) Jistgħu jittieħdu passi maġġuri biex l-infrastruttura tiġi żviluppata/imtejba b'tali mod li jimmassimizza t-tnaqqis tal-ħsejjes tal-vetturi, bħal pereżempju permezz tal-użu fuq skala kbira ta' lqugħ ta' kontra l-ħsejjes.***

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***9b) Għal skopijiet ta' trasparenza, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 relatata mad-disponibilità ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-karburanti u emissjonijiet tas-CO2 rigward il-marketing ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda[1], u li tinkludi l-informazzjoni dwar il-livell ta' ħsejjes tal-vetturi.***

______________

***[1] ĠU L 12 18.1.2000, p. 16.***

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***9c) Il-livelli tal-ħsejjes tal-vetturi huma parzjalment dipendenti mill-ambjent li fihom ikunu qed jivvjaġġaw il-vetturi, b'mod partikolari l-kwalità tal-infrastruttura tat-toroq u mill-ġestjoni intelliġenti tas-sistemi tat-traffiku fit-***

| | |
|---|---|
| | ***toroq. Għandha tiġi kkunsidrata, għalhekk, l-adozzjoni ta' approċċ integrat, b'mod partikolari fiż-żoni urbani l-aktar storbjużi u f'każijiet fejn tinħtieġ azzjoni ta' malajr.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-benefiċċji ambjentali mistennija minn vetturi tat-trasport fit-triq li huma elettriċi u ibridi u dawk li huma purament elettriċi rriżultaw fi tnaqqis sostanzjali tal-istorbju emess minn dawn it-tipi ta' vetturi. Dan irriżulta fit-tneħħija ta' sors importanti ta' sinjal bil-ħoss li jintuża minn persuni mexjin fit-triq u ċiklisti li huma għomja jew ma tantx jaraw, fost nies l-oħra li jużaw it-triq, biex ikunu aktar konxji tal-avviċinament, il-preżenza jew it-tluq ta' dawn il-vetturi. Għal dak il-għan, l-industrija qed tiżviluppa sistemi akustiċi sabiex tikkompensa għal dan in-nuqqas ta' sinjal bil-ħoss f'vetturi elettriċi u dawk elettriċi u ibridi. Il-prestazzjoni ta' sistemi li jagħmlu ħoss meta l-vettura tkun qed tavviċina u li jkunu mwaħħla mal-vetturi għandha tkun armonizzata. It-twaħħil ta' dawn is-sistemi għandu ***madankollu, jibqa' alternattiva għad-diskrezzjoni*** tal-manifatturi tal-vetturi. | (10) Il-benefiċċji ambjentali mistennija minn vetturi tat-trasport fit-triq li huma elettriċi u ibridi u dawk li huma purament elettriċi rriżultaw fi tnaqqis sostanzjali tal-istorbju emess minn dawn it-tipi ta' vetturi. Dan irriżulta fit-tneħħija ta' sors importanti ta' sinjal bil-ħoss li jintuża minn persuni mexjin fit-triq u ċiklisti li huma għomja jew ma tantx jaraw, fost nies l-oħra li jużaw it-triq, biex ikunu aktar konxji tal-avviċinament, il-preżenza jew it-tluq ta' dawn il-vetturi. Għal dak il-għan, l-industrija qed tiżviluppa sistemi akustiċi sabiex tikkompensa għal dan in-nuqqas ta' sinjal bil-ħoss f'vetturi elettriċi u dawk elettriċi u ibridi. Il-prestazzjoni ta' sistemi li jagħmlu ħoss meta l-vettura tkun qed tavviċina u li jkunu mwaħħla mal-vetturi għandha tkun armonizzata. It-twaħħil ta' dawn is-sistemi għandu ***jkun obbligatorju għall-manifatturi kollha*** *tal-vetturi.* ***Il-Kummissjoni għandha wkoll tintalab teżamina l-potenzjal ta' sistemi ta' sikurezza attivi bil-ħoss u viżivi li jistgħu jiġu installati f'vetturi tal-passiġġieri biex jintlaħaq l-objettiv li titjieb is-sikurezza ta' utenti tat-toroq vulnerabbli f'żoni urbani.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Meta jitqies in-nuqqas ta' leġiżlazzjoni dwar il-livell ta' ħoss ta' vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti, ikun tajjeb li l-Kummissjoni tfassal proposta ta' leġiżlazzjoni ġdida dwar dan. Hu fl-interess tal-Unjoni li tadotta dispożizzjonijiet dwar l-inkonvenjent tal-ħsejjes li joħolqu dawn il-vetturi, bħal dak tal-vetturi b'erba' roti trattati fir-Regolament attwali. Regolament speċifiku dwar vetturi bil-mutur b'mill-inqas żewġ roti jippermetti, fuq il-bażi ta' proċedura ta' ttestjar imtejba, li tiġi evalwata l-possibilità tal-introduzzjoni ta' limiti aktar stretti biex ikun żgurat li l-vetturi mqiegħda fis-suq ikunu fil-fatt inqas storbjużi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-livell ta' ħsejjes tal-vetturi bil-mutur li jkollhom mill-inqas żewġ roti għandu wkoll jiġi indirizzat permezz ta' regolament speċifiku. L-inkonvenjent li joħolqu l-ħsejjes iġġenerati mill-vetturi huma l-ikbar raġuni ta' skumdità għall-pubbliku. Dawn huma l-konsegwenza ta' mġiba mhux ċivika waqt is-sewqan, jew tal-użu ta' tagħmir tal-egżost modifikat, difettuż jew li ma jkunx konformi mal-istandards.*

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10b) Il-livell tal-ħsejjes tal-vetturi għandu impatt dirett fuq il-kwalità tal-għajxien taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari fiż-żoni urbani fejn hemm ftit jew xejn mezzi tat-trasport pubbliku li jaħdmu bl-elettriku u/jew taħt l-art, ċikliżmu jew mixi. Għandu jitqies ukoll l-objettiv li*** |

***ffissa l-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport[1], li jirdoppja l-għadd ta' utenti tal-mezzi tat-trasport pubbliku. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jmisshom, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, jippromwovu t-trasport pubbliku, il-mixi u ċ-ċikliżmu, bil-għan li jitnaqqas it-tniġġis ikkawżat mill-ħsejjes fiż-żoni urbani.***

______________

***[1] Test adottat dakinhar, P7_TA(2011)0584.***

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10c) Jitlob li t-tagħrif relatat mal-ħsejjes, u d-data dwar it-testijiet ikunu magħmula disponibbli u esposti b'mod ċar fil-punti tal-bejgħ u fil-materjal promozzjonali tal-vetturi.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10d) Il-livell ta' ħsejjes ta' vettura jiddependi parzjalment mill-mod ta' kif tiġi użata u minn kemm tinżamm tajjeb wara li tkun inxtrat. F'dan ir-rigward, għandhom jittieħdu passi biex titqajjem kuxjenza pubblika fl-UE dwar kemm hu importanti li jiġi adottat stil ta' sewqan b'veloċità stabbli u li dak li jkun ma jaqbiżx il-limiti tal-veloċità li jkunu fis-*** |

| | |
|---|---|
| | ***seħħ f'kull Stat Membru.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissostitwixxi r-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament b'referenza diretta għar-Regolamenti tal-UNECE Nru 51 u Nru 59 ġaladarba l-valuri ta' limitu dwar il-metodu tal-ittestjar ġdid ikunu stipulati f'dawn ir-Regolamenti, jew biex tkun tista' tadatta dawn ir-rekwiżiti għal żviluppi tekniċi u xjentifiċi, il-Kummissjoni għandha tiġi delegata s-setgħa li tadotta atti b'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-emenda tad-dispożizzjonijiet fl-Annessi ma' dan ir-Regolament dwar il-metodi tal-ittestjar u l-livelli ta' ħoss. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha. Meta tkun qiegħda tipprepara u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | (12) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissostitwixxi r-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament b'referenza diretta għar-Regolamenti tal-UNECE Nru 51 u Nru 59 ġaladarba l-valuri ta' limitu dwar il-metodu tal-ittestjar ġdid ikunu stipulati f'dawn ir-Regolamenti, jew biex tkun tista' tadatta dawn ir-rekwiżiti għal żviluppi tekniċi u xjentifiċi, il-Kummissjoni għandha tiġi delegata s-setgħa li tadotta atti b'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-emenda tad-dispożizzjonijiet fl-Annessi ma' dan ir-Regolament dwar il-metodi tal-ittestjar u l-livelli ta' ħoss. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, ***anke fil-livell tal-esperti***. Meta tkun qiegħda tipprepara u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti *kollha* lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet adegwati, anke fil-livell tal-esperti, qabel tadotta att delegat. Din l-emenda tikkunsidra l-formulazzjoni standard ġdida rigward l-atti ddelegati.*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jmisshom jikkunsidraw il-possibilità li jiġu offruti inċentivi finanzjarji biex jiżdied l-użu ta' vetturi li għandhom livell baxx ta' ħsejjes u b'hekk l-operaturi tal-vetturi kummerċjali jiġu inkoraġġuti jinvestu f'tali vetturi.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin: | Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin: |
| (2) "tip ta' vettura" tfisser sett ta' vetturi kif iddefinit fl-Anness II Parti B *mad-Direttiva* 2007/46/KE. | (2) "tip ta' vettura" tfisser: |
| | ***(2.1) għall-vetturi, ittestjati skont l-Anness II, paragrafu 4.1.2.1,*** sett ta' vetturi kif iddefinit fl-Anness II Parti B *tad-Direttiva* 2007/46/KE. |
| | ***(2.2) għall-vetturi ttestjati skont l-Anness II, paragrafu 4.1.2.2, sett ta' vetturi li mhumiex essenzjalment differenti f'aspetti bħalma huma:*** |
| | ***(2.2.1) l-għamla jew il-materjali tal-qafas (partikolarment il-kompartament tal-magna u l-protezzjoni tiegħu ta' kontra l-ħsejjes);*** |
| | ***(2.2.2) it-tip ta' magna (pereżempju startjar pożittivi jew startjar bil-kompressjoni, b'żewġ strowks jew b'erba' strowks, piston reċiprokanti jew rotatorja), numru u kapaċità taċ-ċilindri, tip ta' sistema ta' injezzjoni, arranġament tal-valvoli, veloċità kklassifikata tal-magna (S), jew it-tip ta' mutur elettriku;*** |

| | |
|---|---|
| | ***(2.2.3) vetturi li għandhom l-istess tip ta' magna u/jew rapporti ġenerali bejn il-gerijiet differenti, jistgħu jitqiesu bħala vetturi tal-istess tip.*** |
| | ***Madankollu, jekk id-differenzi ta' hawn fuq jipprovdu għal metodu ta' ttestjar differenti, dawn id-differenzi għandhom jiġu meqjusa bħala tibdila tat-tip.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt 21a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) "punt tal-bejgħ" tfisser post fejn vetturi huma offruti għall-bejgħ lill-konsumaturi;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Bil-għan li jiġi żgurat li l-konsumaturi għandhom aċċess għat-tagħrif relevanti kollu meta jkunu qed jaħsbuha jixtrux vettura, it-tagħrif dwar il-livelli tal-ħoss għandu jitqiegħed għad-disponibilità tagħhom b'mod kemm jista' jkun mifrux.*

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt 21b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21 b) "materjal promozzjonali tekniku" tfisser manwali, pamflets, fuljetti u katalgi (kemm jekk f'sura stampata, elettronika jew onlajn), kif ukoll siti fuq l-Internet, li l-għan tagħhom ikun li jippromwovu vetturi fost il-pubbliku ġenerali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Bil-għan li jiġi żgurat li l-konsumaturi għandhom aċċess għat-tagħrif relevanti kollu meta jkunu qed jaħsbuha jixtrux vettura, it-tagħrif dwar il-livelli tal-ħoss għandu jitqiegħed għad-disponibilità tagħhom b'mod kemm jista' jkun mifrux.*

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-manifatturi għandhom jassiguraw li s-sistema għat-tnaqqis tal-istorbju tkun imfassla, mibnija u mmuntata b'tali mod li tkun tista' tirreżisti raġonevolment il-fenomeni korrożivi li tiġi esposta għalihom filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet tal-użu tal-vettura. | 2. Il-manifatturi għandhom jassiguraw li s-sistema għat-tnaqqis tal-istorbju tkun imfassla, mibnija u mmuntata b'tali mod li tkun tista' tirreżisti raġonevolment il-fenomeni korrożivi li tiġi esposta għalihom filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet tal-użu tal-vettura u d-differenzi tal-klimi reġjonali. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3 bis) Il-manifattur għandhu jippubblika t-tagħrif dwar il-livell ta' ħsejjes tal-vetturi li jipproduċi, inklużi l-kategoriji tad-decibels tagħhom, b'mod partikolari fil-punti ta' bejgħ u fil-materjali promozzjonali.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-livell tal-ħoss imkejjel skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness II ma għandux jaqbeż il-limiti stipulati fl-Anness III. | ***Il-kundizzjonijiet tal-ittestjar stipulati fl-Anness II għandhom iqisu l-kundizzjonijiet tipiċi tas-sewqan fit-triq u r-rekwiżiti tal-ittestjar tal-komponenti essenzjali oħra tal-vettura, li diġà ġew koperti permezz ta' regolamentazzjoni tal-UE[1].*** |

Il-livell tal-ħoss imkejjel skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness II ***u matematikament miġjub sal-eqreb valur ta' numru sħiħ*** ma għandux jaqbeż il-limiti stipulati fl-Anness III.

______________

***[1]Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom. (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1.)***

*Ġustifikazzjoni*

*Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-grupp ta' esperti tal-GRB (Grupp ta' Rapporteurs dwar il-Ħsejjes tal-Vetturi) (Grupp ta' Ħidma 29) tal-UNECE f'Ġinevra.*

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Fi żmien tliet snin wara d-data msemmija fl-Anness III, it-tielet kolonna, fażi 1, ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha twettaq studju ddettaljat biex taċċerta jekk il-limiti tal-istorbju jkunux xierqa jew le. Abbażi tal-konklużjonijiet tal-istudju, il-Kummissjoni tista', ***fejn xieraq***, tippreżenta l-proposti għall-emenda ta' dan ir-Regolament. | Fi żmien tliet snin wara d-data msemmija fl-Anness III, it-tielet kolonna, fażi 1, ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha twettaq studju ddettaljat biex taċċerta jekk il-limiti tal-istorbju jkunux xierqa jew le ***u jekk kienx il-każ li ma kien hemm l-ebda effetti ta' detriment fuq is-sikurezza tat-toroq***. Abbażi tal-konklużjonijiet tal-istudju, il-Kummissjoni tista', ***f'każijiet iġġustifikati***, tippreżenta l-proposti għall-emenda ta' dan ir-Regolament ***fir-rigward tal-limiti tal-ħsejjes***. ***Ir-riżultati tal-istudju għandhom jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-proposti għal emendi għal dan ir-Regolament imressqa skont il-paragrafu 1 għandhom iqisu l-istandards il-ġodda stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, b'mod partikolari l-istandard ISO 10844:2011.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Sistema Akustika ta' Twissija tal-Vettura (AVAS)* | *Sistema Akustika ta' Twissija tal-Vettura (AVAS)* |
| Meta l-manifatturi ***jagħżlu li*** jinstallaw l-AVAS fil-vetturi, ir-rekwiżiti tal-Anness X għandhom jiġu sodisfatti. | Meta l-manifatturi jinstallaw l-AVAS fil-vetturi, ir-rekwiżiti tal-Anness X għandhom jiġu sodisfatti. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-vetturi elettriċi jew ibridi għandhom darbtejn aktar ċans li jkunu involuti f'inċidenti fl-ambjent urban minħabba li l-funzjonament tagħhom hu totalment sieket, u dan ifisser li utenti "vulnerabbli" u saħansitra aktar u aktar il-persuni neqsin mid-dawl ma jindunawx bihom. Il-ħolqien ta' sistema ta' twissija b'ħoss mill-manifatturi tal-vetturi għandu għaldaqstant ikun obbligatorju.*

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-manifatturi jagħżlu li jinstallaw l-AVAS fil-vetturi, ir-rekwiżiti tal-Anness ***X*** għandhom jiġu sodisfatti. | Meta l-manifatturi jagħżlu li jinstallaw l-AVAS fil-vetturi, ir-rekwiżiti tal-Anness ***IX*** għandhom jiġu sodisfatti. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati biex temenda l-Annessi I sa XI. | 1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 11, biex temenda l-Annessi I sa XI. |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tikkunsidra l-formulazzjoni standard ġdida rigward l-atti ddelegati.*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 10(1) għandhom ikunu kkonferiti lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. | 2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 10(1) għandhom ikunu kkonferiti lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' 5 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*It-tul ta' żmien tad-delega tas-setgħa lill-Kummissjoni għandu jkun limitat għal perjodu ta' ħames snin, li jista' jiġġedded jekk jiġu rispettati ċerti kondizzjonijiet, bħat-tfassil ta' rapport, u jekk il-Parlament jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx. Din l-emenda tikkunsidra l-formulazzjoni standard ġdida rigward l-atti ddelegati.*

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 10(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika tal-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li huma ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***b'xahar*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | 5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 10(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika tal-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li huma ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***b'xahrejn*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-iskadenza tal-oġġezzjoni għal att iddelegat għandha tkun tista' tkun ta' erba' xhur b'kollox. Dan huwa perjodu aktar realistiku biex jagħmilha possibbli li l-Parlament u l-Kunsill isegwu l-proċedura neċessarja sabiex jippreżentaw oġġezzjoni. Din l-emenda tikkunsidra l-formulazzjoni standard ġdida rigward l-atti ddelegati.*

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 12*** | ***imħassar*** |
| ***Oġġezzjonijiet għal atti ddelegati*** | |
| ***1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att iddelegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar.*** | |
| ***2. Jekk, meta jiskadi dan il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att iddelegat,*** | |

***jew jekk, qabel din id-data, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu infurmaw lill-Kummissjoni Ewropea li huma ddeċidew li ma joġġezzjonawx, l-att iddelegat jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata fid-dispożizzjonijiet tiegħu.***

***3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għall-att iddelegat adottat, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-oġġezzjoni għall-att iddelegat.***

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-Artikolu 12 huwa superfluwu, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11, u għalhekk it-tħassir tiegħu se jservi biex it-test jiġi allinjat mal-kliem standard ġdid applikabbli għall-atti delegati.*

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***Artikolu 13*** | ***imħassar*** |
| ***Proċedura ta' urġenza*** | |
| ***1. L-atti ddelegati adottati skont l-Artikolu 10(1) għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att iddelegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.*** | |
| ***2. Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att iddelegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(5). F'tali każ, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att bla dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni*** | |

***mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.***

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-Artikolu 13 huwa superfluwu għax l-użu tal-proċedura ta' urġenza mhix iġġustifikata kif jixraq (la fl-Artikolu 10 u lanqas fil-premessi), u għaldaqstant jeħtieġ li jitħassar.*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3.2.2**

| | |
|---|---|
| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| 3.2.2. L-emissjonijiet tal-ħoss tad-dawrien tat-tajers qegħdin stipulati fir-Regolament (KR) Nru 661/2009 dwar is-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur. It-tajers li għandhom jintużaw għat-test għandhom ikunu rappreżentattivi għall-vettura u għandhom jingħażlu mill-manifattur tal-vettura u jiġu rreġistrati fl-Appendiċi 3 tal-Anness I ma' dan ir-Regolament. Għandhom jikkorrispondu għal wieħed mid-daqsijiet tat-tajers maħsuba għall-vettura bħala tagħmir oriġinali. It-tajer huwa, jew se jkun, fis-suq, disponibbli għax-xiri fl-istess żmien tal-vettura.[2/] *It-tyres* għandhom jintefħu għall-pressjoni rakkomandata mill-manifattur għall-massa tat-test tal-vettura. It-tajers iridu jkollhom mill-inqas il-fond legali tal-flieli tal-wiċċ ta' barra. | 3.2.2. L-emissjonijiet tal-ħoss tad-dawrien tat-tajers qegħdin stipulati fir-Regolament (KR) Nru 661/2009 dwar is-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur. It-tajers li għandhom jintużaw għat-test għandhom ikunu rappreżentattivi għall-vettura u għandhom jingħażlu mill-manifattur tal-vettura u jiġu rreġistrati fl-Appendiċi 3 tal-Anness I ma' dan ir-Regolament. Għandhom jikkorrispondu għal wieħed mid-daqsijiet tat-tajers maħsuba għall-vettura bħala tagħmir oriġinali. It-tajer huwa, jew se jkun, fis-suq, disponibbli għax-xiri fl-istess żmien tal-vettura. [2/] *It-tajers* għandhom jintefħu għall-pressjoni rakkomandata mill-manifattur għall-massa tat-test tal-vettura.It-tajers iridu jkollhom mill-inqas il-fond legali tal-flieli tal-wiċċ ta' barra. |
| [2/] Minħabba li l-kontribut tat-tajers għall-emissjonijiet tal-ħoss huwa sinifikanti, iridu jitqiesu d-dispożizzjonijiet attwali dwar l-emissjonijiet tal-ħoss tat-tajers mat-triq. It-tajers tat-trazzjoni, it-tajers għas-silġ u tajers ta' użi speċjali għandhom jiġu esklużi mit-teħid tal-qisien għall-approvazzjoni tat-tip u tal-konformità, fuq talba tal-manifattur, skont ***ir-Regolament Nru 117 tal-UNECE (ĠU L 231, 29.8.2008, p. 19).*** | [2/] Minħabba li l-kontribut tat-tajers għall-emissjonijiet tal-ħoss huwa sinifikanti, iridu jitqiesu d-dispożizzjonijiet attwali dwar l-emissjonijiet tal-ħoss tat-tajers mat-triq. It-tajers tat-trazzjoni, it-tajers għas-silġ u tajers ta' użi speċjali għandhom jiġu esklużi mit-teħid tal-qisien għall-approvazzjoni tat-tip u tal-konformità, fuq talba tal-manifattur, skont ***l-aħħar emendi għar-Regolament KEE Nru 117***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Skont il-qbil li sar fl-2011 fit-53 sessjoni tal-GRB - grupp ta' esperti dwar il-ħsejjes tal-Grupp*

*ta' Ħidma 29 (il-Grupp ta' Ħidma responsabbli biex jiżviluppa standards dinjija armonizzati tal-vetturi) tal-UNECE f'Ġinevra, li tagħha hija membru l-Kummissjoni Ewropea.*

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Valuri ta' limitu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| Il-kategorija tal-vettura | Deskrizzjoni tal-kategorija tal-vettura | Valuri ta' limitu espressi f'dB(A) [decibels(A)] | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi | | Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi | | Valuri ta' limitu għar-reġistrazzjoni, bejgħ u dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda | |
| | | L-ewwel fażi valida minn [sentejn wara l-pubblikazzjoni] | | It-tieni fażi valida minn [*6 snin* wara l-pubblikazzjoni] | | It-tielet fażi valida minn [*8 snin* wara l-pubblikazzjoni] | |
| | | Kummenti ġenerali | Off-road * | Kummenti ġenerali | Off-road * | Kummenti ġenerali | Off-road * |
| **M** | **Vetturi użati għall-ġarr tal-passiġġieri** | | | | | | |
| $M_1$ | nru ta' sits < 9 | 70 | 71** | 68 | 69** | 68 | 69** |
| $M_1$ | nru ta' sits < 9; Il-proporzjon tal-potenza mqabbla mal-massa > 150 kW/ton | 71 | 71 | 69 | 69 | 69 | 69 |
| $M_2$ | nru ta' sits < 9; massa < 2 tunnellati | 72 | 72 | 70 | 70 | 70 | 70 |
| $M_2$ | nru ta' sits < 9; 2 tunnellati < massa < 3.5 tunnellati | 73 | 74 | 71 | 72 | 71 | 72 |
| $M_2$ | nru ta' sits < 9; 3,5 tunnellati < massa < 5-il tunnellata; Potenza nominali tal-magna < 150 kW | 74 | 75 | 72 | 73 | 72 | 73 |
| $M_2$ | nru ta' sits < 9; 3,5 tunnellati < massa < 5-il tunnellata; Potenza nominali tal-magna > 150 kW | 76 | 78 | 74 | 76 | 74 | 76 |
| $M_3$ | nru ta' sits < 9; massa > 5-il tunnellata; Potenza nominali tal-magna < 150 kW | 75 | 76 | 73 | 74 | 73 | 74 |
| $M_3$ | nru ta' sits < 9; massa > 5-il tunnellata; Potenza nominali tal-magna > 150 kW | 77 | 79 | 75 | 77 | 75 | 77 |
| **N** | **Vetturi użati għall-ġarr tal-merkanzija** | | | | | | |
| $N_1$ | massa < 2 tunnellati | 71 | 71 | 69 | 69 | 69 | 69 |
| $N_1$ | 2 tunnellati < massa < 3.5 tunnellati | 72 | 73 | 70 | 71 | 70 | 71 |
| $N_2$ | 3,5 tunnellati < massa < 12-il tunnellata; Potenza nominali tal-magna < 75 kW | 74 | 75 | 72 | 73 | 72 | 73 |
| $N_2$ | 3,5 tunnellati < massa < 12-il tunnellata; 75 < potenza nominali tal-magna < 150 kW | 75 | 76 | 73 | 74 | 73 | 74 |
| $N_2$ | 3,5 tunnellati < massa < 12-il tunnellata; Potenza nominali tal-magna > 150 kW | 77 | 79 | 75 | 77 | 75 | 77 |
| $N_3$ | massa > 12-il tunnellata; | 77 | 78 | 75 | 76 | 75 | 76 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 75 < potenza nominali tal-magna < 150 kW | | | | | | |
| $N_3$ | massa > 12-il tunnellata;<br>Potenza nominali tal-magna > 150 kW | 80 | 82 | 78 | 80 | 78 | 80 |

| | |
|---|---|
| * | Il-valuri ta' limitu miżjuda għandhom ikunu validi biss jekk il-vettura tikkonforma mad-definizzjoni rilevanti għall-vetturi off-road stabbilita fil-punt 4 tat-Taqsima A tal-Anness II għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. |
| ** | Għall-vetturi M1 il-valuri ta' limitu miżjuda għall-vetturi off-road ikunu validi biss jekk il-massa massima awtorizzata tkun ta' > 2 tunnellati |

*Emenda*

| Il-kategorija tal-vettura | Deskrizzjoni tal-kategorija tal-vettura | Valuri ta' limitu espressi f'dB(A) [decibels(A)] | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi | | Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi | | Valuri ta' limitu għar-reġistrazzjoni, bejgħ u dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda | |
| | | L-ewwel fażi valida minn [sentejn wara l-pubblikazzjoni] | | It-tieni fażi valida minn [*6 snin* wara l-pubblikazzjoni] | | It-tielet fażi valida minn [*8 snin* wara l-pubblikazzjoni] | |
| | | Kummenti ġenerali | Off-road * | Kummenti ġenerali | Off-road * | Kummenti ġenerali | Off-road * |
| **M** | **Vetturi użati għall-ġarr tal-passiġġieri** | | | | | | |
| $M_1$ | nru ta' sits < 9 | 70 | 71** | 68 | 69** | 68 | 69** |
| $M_1$ | nru ta' sits < 9;<br>Il-proporzjon tal-potenza mqabbla mal-massa > 150 kW/ton | 71 | 71 | 69 | 69 | 69 | 69 |
| $M_2$ | nru ta' sits < 9; massa < 2 tunnellati | 72 | 72 | 70 | 70 | 70 | 70 |
| $M_2$ | nru ta' sits < 9; 2 tunnellati < massa ≤ 3.5 tunnellati | 73 | 74 | 71 | 72 | 71 | 72 |
| $M_2$ | nru ta' sits < 9; 3.5 tunnellati < massa < 5-il tunnellata;<br>Potenza nominali tal-magna < 150 kW | 74 | 75 | 72 | 73 | 72 | 73 |
| $M_2$ | nru ta' sits < 9; 3.5 tunnellati < massa < 5-il tunnellata;<br>Potenza nominali tal-magna > 150 kW | 76 | 78 | 74 | 76 | 74 | 76 |
| $M_3$ | nru ta' sits < 9; massa > 5-il tunnellata;<br>Potenza nominali tal-magna < 150 kW | 75 | 76 | 73 | 74 | 73 | 74 |
| $M_3$ | nru ta' sits < 9; massa > 5-il tunnellata;<br>Potenza nominali tal-magna > 150 kW | 77 | 79 | 75 | 77 | 75 | 77 |
| **N** | **Vetturi użati għall-ġarr tal-merkanzija** | | | | | | |
| $N_1$ | massa < 2 tunnellati | 71 | 71 | 69 | 69 | 69 | 69 |
| $N_1$ | 2 tunnellati < massa < 3.5 tunnellati | 72 | 73 | 70 | 71 | 70 | 71 |
| $N_2$ | 3.5 tunnellati < massa < 12-il tunnellata;<br>Potenza nominali tal-magna < 75 kW | 74 | 75 | 72 | 73 | 72 | 73 |
| $N_2$ | 3.5 tunnellati < massa < 12-il tunnellata; | 75 | 76 | 73 | 74 | 73 | 74 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 75 < potenza nominali tal-magna < 150 kW | | | | | | |
| $N_2$ | 3.5 tunnellati < massa < 12-il tunnellata;<br>Potenza nominali tal-magna > 150 kW | 77 | 79 | 75 | 77 | 75 | 77 |
| $N_3$ | massa > 12-il tunnellata;<br>75 < potenza nominali tal-magna < 150 kW | 77 | 78 | 75 | 76 | 75 | 76 |
| $N_3$ | massa > 12-il tunnellata;<br>Potenza nominali tal-magna > 150 kW | 80 | 82 | 78 | 80 | 78 | 80 |

| | |
|---|---|
| * | Il-valuri ta' limitu miżjuda għandhom ikunu validi biss jekk il-vettura tikkonforma mad-definizzjoni rilevanti għall-vetturi off-road stabbilita fil-punt 4 tat-Taqsima A tal-Anness II għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. |
| ** | Għall-vetturi M1 il-valuri ta' limitu miżjuda għall-vetturi off-road ikunu validi biss jekk il-massa massima awtorizzata tkun ta' > 2 tunnellati |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur |
| **Referenzi** | COM(2011)0856 – C7-0487/2011 – 2011/0409(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>15.12.2011 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | TRAN<br>15.12.2011 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Gilles Pargneaux<br>10.1.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 8.5.2012 18.6.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 19.6.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 30<br>–: 12<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdi Cristiano Allam, Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Philip Bradbourn, Antonio Cancian, Michael Cramer, Joseph Cuschieri, Philippe De Backer, Luis de Grandes Pascual, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Juozas Imbrasas, Dieter-Lebrecht Koch, Ádám Kósa, Werner Kuhn, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Hubert Pirker, Dominique Riquet, Petri Sarvamaa, Vilja Savisaar-Toomast, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Keith Taylor, Silvia-Adriana Ţicău, Giommaria Uggias, Peter van Dalen, Dominique Vlasto, Artur Zasada, Roberts Zīle |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Spyros Danellis, Gilles Pargneaux, Alfreds Rubiks, Janusz Władysław Zemke |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | María Irigoyen Pérez |

25.6.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur
(COM(2011)0856 – C7-0487/2011 – 2011/0409(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Anja Weisgerber

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

It-trasport motorizzat huwa wieħed mis-sorsi ewlenin tat-tniġġis tal-ħoss. Huwa maħsub li esponiment persistenti għal livelli għolji ta' storbju jżid il-mard kardjovaskulari, problemi konoxittivi, problemi ta' rqad u t-tinnitus. Ir-rapporteur tappoġġja bis-sħiħ l-għan tar-Regolament propost li jitnaqqas l-istorbju ambjentali billi jitnaqqsu l-valuri ta' limitu tal-istorbju u billi jiġi introdott metodu ġdid u rfinut tal-ittestjar biex ikejjel l-emissjonijiet tal-istorbju. Madankollu, il-valuri ta' limitu tal-istorbju jridu jkunu kemm ambizzjużi kif ukoll teknikament fattibbli. F'dan is-sens, wieħed irid iżomm f'moħħu li l-istorbju jitkejjel fuq skala logaritmika u li tnaqqis ta' 3 decibel (dB) iwassal għal tnaqqis ta' 50 % tal-istorbju.

Jeżistu wkoll rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi, fost l-oħrajn għall-emissjonijiet tas-$CO_2$ u għas-sustanzi niġġiesa (standards Euro 5/6 u Euro VI). Il-miżuri meħuda biex jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti ta' emissjonijiet jikkontradixxu parzjalment il-miżuri meħuda biex jitnaqqas l-istorbju ta' vettura. Pereżempju, il-miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-istorbju jistgħu jżidu l-piż ta' vettura, li jwassal għal emissjonijiet ogħla tas-$CO_2$. Ir-rekwiżiti differenti tal-approvazzjoni tat-tip fl-UE għandhom jistabbilixxu bir-reqqa bilanċ bejn l-għanijiet differenti u jsegwu approċċ ġenerali sabiex ikomplu jagħmlu l-vetturi aktar silenzjużi, aktar sikuri u li jirrispettaw aktar l-ambjent. Barra minn hekk, il-miżuri meħuda biex jitnaqqas il-livell tal-istorbju ta' vettura m'għandhomx iwasslu għal tnaqqis fis-sikurezza tat-toroq, pereżempju l-uċuħ tat-toroq li jkollhom karatteristiċi speċjali ta' livell baxx ta' storbju jistgħu jnaqqsu l-istorbju tat-tidwir tat-tajers b'mod sinifikanti u jipprovokaw distanzi itwal ta' bbrejkjar tal-vetturi. Apparti l-valuri ta' limitu tal-istorbju għal-vetturi, ir-Rapporteur tenfasizza li huwa importanti li jitqiesu sorsi oħra ta' storbju ambjentali, bħall-wiċċ tat-triq, il-ġestjoni tat-traffiku jew l-imġiba tas-sewwieqa.

Filwaqt li r-Rapporteur tappoġġja bil-qawwa l-għan tar-Regolament propost, hija tipproponi

xi emendi sabiex dawn l-għanijiet jintlaħqu aħjar. Sabiex jiżdiedu l-benefiċċji għas-saħħa u tissaħħaħ iċ-ċertezza legali, għandhom jiġu stabbiliti valuri ta' limitu tal-istorbju fuq żmien fit-tul. Għandhom isiru wkoll l-aġġustamenti meħtieġa fir-rigward tal-kategoriji tal-vetturi. Il-leġiżlazzjoni attwali dwar l-emissjonijiet tal-istorbju tal-vetturi tagħti valuri ta' limitu differenti għall-kategoriji u subkategoriji tal-vetturi differenti. Dawn is-subkategoriji ġew stabbilti fl-1970 u mill-1985 ma ġewx emendati. Għaldaqstant, ir-Rapporteur tipproponi li s-subkategoriji jiġu aġġornati u li s-sistema tal-klassifikazzjoni tal-vetturi tiġi adattata għall-aħħar standards tekniċi. Dawn l-adattamenti għandhom jagħmluha possibbli li jiġu ddefiniti valuri ta' limitu tal-istorbju ambizzjużi u li jiġi ottimizzat it-tnaqqis ġenerali tal-istorbju. Jekk il-kategoriji tal-vetturi jiġu differenzjati aktar, ikun possibbli li nistabbilixxu valuri ta' limitu tal-istorbju aktar ambizzjużi għall-vetturi b'qawwa aktar żgħira tal-magna, u valuri ta' limitu tal-istorbju aktar realistiċi għall-vetturi b'qawwa akbar tal-magna. Il-valuri ta' limitu tal-istorbju fuq żmien fit-tul il-ġodda jirrikjedu disinn kompletament ġdid għal kull vettura.

Ir-Rapporteur hija wkoll tal-fehma li r-Regolament għandu jirrifletti d-differenzi fl-iżvilupp u l-produzzjoni tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi tqal. Dawn id-differenzi jridu jiġu riflessi f'kalendarju differenti tal-fażijiet rispettivi li għalihom japplikaw il-valuri ta' limitu tal-istorbju. Għalhekk, ir-Rapporteur tipproponi fażijiet differenti għall-vetturi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali.

It-trasparenza hija element ewlieni tal-politika responsabbli għall-konsumatur u ilha appoġġjata mill-Kumitat IMCO għal żmien twil. Il-garanzija tad-disponibilità ta' informazzjoni ċara u trasparenti dwar l-emissjonijiet tal-istorbju ta' kull vettura lill-konsumaturi tippermettilhom li jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom li jixtru fuq l-emissjonijiet tal-istorbju. L-istess informazzjoni lill-awtoritajiet pubbliċi tagtħtihom is-setgħa li jiffissaw inċentivi xierqa biex iħeġġu l-użu ta' vetturi aktar silenzjużi, pereżempju billi jiġu ffissati standards ta' akkwist għall-flotot tal-karozzi tal-linja u billi jagħtu aċċess preferenzjali f'ċerti nħawi residenzjali sensittivi jew waqt ċerti ħinijiet sensittivi tal-jum lill-aktar vetturi silenzjużi biss. Diġà jeżistu tikketti għall-emissjonijiet tas-CO2, għall-konsum tal-fjuwil u għall-ħoss tat-tajers, u għandha tiġi introdotta tikketta simili għal-livell tal-istorbju tal-vetturi.

Fir-rigward tal-vetturi elettriċi u ibridi, id-Direttiva għandha tistabbilixxi l-istandards tekniċi billi tintroduċi rekwiżiti li jikkonċernaw l-livell minimu ta' ħoss għall-vetturi elettriċi. Ġie stabbilit mill-UNECE grupp ta' ħidma dwar il-livelli minimi tal-ħoss għall-vetturi silenzjużi, u dan jiddiskuti l-possibilità li jiġu armonizzati r-rekwiżiti għas-"Sistemi li Jagħmlu Ħoss meta l-Vettura tkun qed Tavviċina (Approaching Vehicle Audible Systems (AVAS)).

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Jeżistu rekwiżiti dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-UE fost l-oħrajn dwar l-emissjonijiet tas-$CO_2$ (Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi ħfief[1] u r-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi ħfief[2], u dwar l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa (ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi[3] u r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi[4]). Ir-rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-valur limitu tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tas-sustanzi niġġiesa ma jistgħux jikkontradixxu r-rekwiżiti dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-istorbju. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-UE*** |

***għandhom jiksbu bilanċ bejn l-objettivi differenti.***

______________

***[1] ĠU L 140, tal-5.6.2009, p. 1.***

***[2] ĠU L 145, tal-31.5.2011, p. 1.***

***[3] ĠU L 171, tad-29.6.2007, p. 1.***

***[4] ĠU L 188, tat-18.7.2009, p. 1.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri tekniċi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ jinkludu miżuri biex jitnaqqas il-piż ta' vettura, filwaqt li l-miżuri tekniċi biex jitnaqqas il-ħoss permezz tal-iżolament tal-istorbju normalment iżidu l-piż tal-vettura u jżidu l-emissjonijiet tas-$CO_2$. Barra minn hekk, l-iżolament tal-istorbju jnaqqas il-ħoss filwaqt li fl-istess ħin iżid ir-riskju li l-magna tieħu n-nar.*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Minn madwar 500 miljun ċittadin tal-Unjoni Ewropea, madwar 300 miljun huma reġistrati bħala sewwieqa ta' vetturi. Fl-Unjoni Ewropea, jiġu liċenzjati 22 % tat-total tal-vetturi fid-dinja u jiġu manifatturati 25 %. Kull sena, l-industrija tal-karozzi timmanifattura 17-il miljun vettura ġdida u bħalissa t-tendenza hi li din iċ-ċifra tiżdied.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Il-miżuri tekniċi li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-istorbju tal-vetturi jridu jikkompetu ma' diversi rekwiżiti, bħall-ħtieġa li jitnaqqsu l-istorbju u l-*** |

***emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa filwaqt li fl-istess ħin tinżamm l-istess prestazzjoni ekonomika tal-vettura. Biex twieġeb bl-istess mod għar-rekwiżiti kollha u żżomm bilanċ bejnhom, l-industrija tal-karozzi spiss tasal fil-limiti ta' dak li hu attwalment fiżikament possibbli. Fil-każ tal-iżvilupp awtomobilistiku, dejjem kien possibbli li dan il-limitu jiġi xxiftjat permezz tal-użu ta' materjali u ta' metodi aktar moderni u innovattivi. Sabiex ikun hemm il-possibbiltà ta' innovazzjoni, jeħtieġ li jkun hemm qafas ċar u ffundat fiż-żmien mill-aspett leġiżlattiv. Dan il-qafas jitħejja permezz tar-Regolament attwali u b'hekk titħeġġeġ spinta għall-innovazzjoni soċjalment ikkundizzjonata, filwaqt li fl-istess ħin l-industrija ma titlifx il-kapaċità ta' azzjoni ekonomika meħtieġa.***

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8b) It-tniġġis tal-istorbju huwa primarjament problema lokali li teħtieġ soluzzjoni fil-livell tal-Unjoni. L-ewwel pass ta' kwalunkwe politika sostenibbli fir-rigward tal-emissjonijiet tal-ħsejjes għandu jkun dak li jiġu stabbiliti miżuri mmirati lejn is-sors tal-istorbju. Is-sors tal-istorbju tal-vetturi, li għalih jirreferi dan ir-Regolament, huwa sors kompletament mobbli, għalhekk il-miżuri nazzjonali esklussivi ma jistgħux jaffrontawh b'mod xieraq.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(9a) L-għoti ta' informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-istorbju lill-konsumaturi, lill-maniġers tal-flotot tal-karozzi u lill-awtoritajiet pubbliċi jista' jinfluwenza d-deċiżjonijiet ta' xiri u jħaffef il-qalba għal flotta tal-vetturi aktar silenzjuża. Sabiex tingħata l-informazzjoni meħtieġa lill-konsumatur, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar il-livelli tal-istorbju tal-vetturi b'konformità mal-metodi armonizzati ta' ttestjar fil-punt tal-bejgħ u fil-materjal promozzjonali tekniku. Tikketta li tkun komparabbli għat-tikketti użati għall-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tas-$CO_2$, il-konsum tal-fjuwil u l-ħsejjes tat-tajers, għandha tinforma lill-konsumaturi dwar l-emissjonijiet tal-istorbju ta' vettura.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Until now, it is not possible to know the noise level of a vehicle. Noise information is required for tyres at points of sale and in promotional material by Regulation 1222/2009 on the labelling of tyres. To promote low-noise vehicles and to give the customer the possibility to make an informed choice about the purchase, the manufacturer shall be obliged to display the noise level of a vehicle. National and municipal public authorities have a central role as major purchasers of vehicle fleets, particularly public transport vehicles and municipal vehicles, as well as responsibility for implementation of Directive 2002/49/EC which aims to reduce environmental noise in urban areas and along major transport infrastructures.*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(9a) F'dak li jirrigwarda l-karozzi, fi vjaġġ li jsir b'veloċità medja ta' inqas minn 45 km/h, jippredominaw il-ħsejjes tal-magna u tas-sistema tal-egżost, fil-każ ta' vjaġġi b'veloċità aktar minn 45 km/h, jiddominaw il-ħsejjes tat-tajers u tar-riħ. Dawn il-ħsejjes huma preżenti*** |

***indipendentement mit-tip ta' magna u mill-prestazzjoni tagħha. L-iżvilupp tal-vetturi sa mis-sebgħinijiet għamilha possibbli li jinbnew magni ħafna aktar silenzjużi, iżda bħala medja, aktar qawwija u itqal. Minħabba dan tal-aħħar, u sabiex ikun hemm aktar sigurtà tas-sewqan, kien hemm żieda fil-piż tal-vettura kollha, li kienet tinvolvi t-twessigħ tal-wiċċ ta' kuntatt tat-tajers bl-għan li tiżdied l-istabilità tas-sewqan. It-twessigħ ta' tali wċuħ jinvolvi żieda fil-ħsejjes tat-tidwir tat-tajers tal-vettura.***

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Il-potenzjal ta' tnaqqis tal-istorbju tas-sors tal-ħsejjes, li hu l-għan ta' dan ir-Regolament, huwa inferjuri għal dak tal-kisi tat-triq li jiġu f'kuntatt magħha t-tajers. It-tnaqqis tal-emissjonijiet fil-każ ta' dan tal-aħħar, ikun ħafna aktar sempliċi mill-aspett tekniku. Minħabba d-disponibilità tat-tipi ta' asfalt bħall-asfalt silenzjuż, l-asfalt bi kwalitajiet ta' tnaqqis tal-istorbju jew l-asfalt ottimizzat għall-istorbju, li jiġu integrati f'approċċ olistiku li jikkombina diversi miżuri sempliċi tal-bini, lokalment jista' jkun akkwistat tnaqqis ta' madwar 10 dB. Dan l-approċċ effikaċi għal sorsi ta' storbju esklussivament lokali ma jiġix ikkunsidrat fir-Regolament attwali għax l-applikazzjoni tkun ta' strapazz kbir għall-baġits statali, speċjalment għall-entitajiet lokali. Fiż-żminijiet tal-kriżi finanzjarja, ikun diffiċli li dan ikun sostnut u dan jista' jaffettwa, min-naħa l-oħra, is-setturi tal-politika reġjonali u strutturali.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt 21a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) 'punt tal-bejgħ' tfisser il-post fejn il-vetturi huma offruti għall-bejgħ lill-konsumaturi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jkollhom aċċess għall-informazzjoni relevanti meta jikkunsidraw ix-xiri ta' vettura, l-informazzjoni dwar l-istorbju għandha tkun disponibbli b'mod ġenerali. (Proposti allinjati mal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1222/2009 dwar it-tikkettar tat-tajers, inklużi l-emissjonijiet tal-istorbju).*

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt 21b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21b) 'materjal promozzjonali tekniku' tfisser il-manwali, brochures u katalgi tekniċi (li jidhru f'forma pprintjata, elettronika jew onlajn), kif ukoll websajts, li l-għan tagħhom huwa li jikkummerċjalizzaw il-vetturi lill-konsumaturi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jkollhom aċċess għall-informazzjoni relevanti meta jikkunsidraw ix-xiri ta' vettura, l-informazzjoni dwar l-istorbju għandha tkun disponibbli b'mod ġenerali. (Proposti allinjati mal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1222/2009 dwar it-tikkettar tat-tajers, inklużi l-emissjonijiet tal-istorbju).*

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-livell tal-ħoss imkejjel skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness II ma għandux jaqbeż il-limiti stipulati fl-Anness III. | ***Il-kundizzjonijiet tal-ittestjar stipulati fl-Anness II għandhom iqisu l-kundizzjonijiet tipiċi tas-sewqan fit-triq u r-rekwiżiti tal-ittestjar tal-komponenti essenzjali oħra tal-vettura, li diġà ġew koperti mir-Regolament (KE) Nru 661/2009.*** Il-livell tal-ħoss imkejjel skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness II ma għandux jaqbeż il-limiti stipulati fl-Anness III. |

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-prinċipji ta' regolazzjoni aħjar, huwa importanti li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet tal-ittestjar ta' dan ir-Regolament ma jkollhomx impatt bla bżonn fuq il-manifatturi tal-partijiet li diġà ħadu passi sinifikanti lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ħoss, partikolarment l-industrija tat-tajers. F'dan il-kuntest, l-eżattezza tal-kundizzjonijiet tal-ittestjar għandha tiġi enfasizzata, u l-"kundizzjonijiet tipiċi ta' sewqan fit-triq" għandhom jiġu ddikjarati bħala l-kundizzjoni għall-validazzjoni tal-limiti stipulati fl-Anness III.*

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafi 1a u 1b (ġodda)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-vetturi jissodisfaw awtomatikament ir-rekwiżiti tal-Anness X, jekk il-manifattur tal-vettura jipprovdi d-dokumenti tekniċi lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, li juru d-differenza bejn il-veloċità massima u dik minima tal-magna tal-vetturi BB'17 ≤ 0,15 x S, għal kull kundizzjoni tat-test ġewwa l-medda ta' kontroll ASEP definita fil-punt 3.3. tal-Anness VIII, fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness II.*** |
| | ***Il-vetturi tal-kategorija $N_1$ huma eżentati mill-ASEP jekk waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tiġi sodisfata:*** |
| | ***(a) Il-kapaċità tal-magna ≤ 660 ccm u l-proporzjon bejn il-potenza u l-massa PMR kkalkulati bl-użu tal-massa tal-vettura*** |

| | |
|---|---|
| | ***massima awtorizzata ≤ 35;*** |
| | ***(b) Tagħbija ≤ 850 kg u l-proporzjon bejn il-potenza u l-massa PMR kkalkulat bl-użu tal-massa tal-vettura massima awtorizzata ≤ 40;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tintroduċi r-rekwiżiti proporzjonati għall-SMEs li jagħmlu l-kostruzzjonijiet. Minbarra dan, l-istandard ASEP tal-UNICE huwa mfassal skont l-imġiba ta' vetturi tipiċi M1 u l-grupp espert responsabbli rrakkomanda l-esklużjoni għal kategoriji oħra. L-ASEP (Dispożizzjonijiet Addizzjonali dwar l-Emissjonijiet tal-Ħoss) għandhom jevitaw emissjonijiet tal-ħoss mhux mistennija li ma jikkorrelawx mat-tip ta' riżultati tal-ittestjar tal-approvazzjoni tat-tip. Peress li dan qatt ma ġie osservat għal vannijiet tal-kunsinna N1, din l-emenda tiżgura li dawn jiġu esklużi mill-ittestjar speċjali tal-ASEP.*

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 8a (ġdid)*** |
| | ***Informazzjoni*** |
| | ***l-manifatturi u d-distributuri tal-vetturi għandhom jiżguraw li l-livell tal-istorbju f'decibels (dB(A)) b'konformità mal-metodi armonizzati ta' ttestjar tal-approvazzjoni tat-tip għal kull vettura jintwerew f'post prominenti fil-punt tal-bejgħ u fil-materjal promozzjonali tekniku.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tipprovdi proposta għall-informazzjoni tal-konsumatur lill-Parlament u lill-Kunsill mhux aktar minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** |
| | ***L-informazzjoni lill-konsumatur tista' tiġi integrata fid-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 relatata mad-disponibilità ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-karburanti u emissjonijiet tas-$CO_2$ rigward il-marketing ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda[1]. Għall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***emissjonijiet tal-istorbju għandu jintuża l-istess metodu ta' turija bħal tal-emissjonijiet tas-$CO_2$.*** <br> ______________ <br> ***[1] ĠU L 12, 18.1.2000, p. 16.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sa issa mhuwiex possibbli li l-konsumatur ikun jaf il-livell tal-istorbju ta' vettura. Sabiex jiġu promossi l-vetturi b'livelli baxxi ta' storbju u biex il-konsumatur jingħata l-possibilità li jagħmel għażla infurmata dwar ix-xiri, il-manifattur u d-distributur għandhom ikunu obbligati li juru l-livell tal-istorbju ta' vettura.*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-manifatturi jagħżlu li jinstallaw l-AVAS fil-vetturi, ***ir-rekwiżiti*** tal-Anness X għandhom jiġu sodisfatti. | Meta l-manifatturi jagħżlu li jinstallaw l-AVAS fil-vetturi, ***huma għandhom jiżguraw li l-ħoss li jrid ikun iġġenerat mill-AVAS għandu jkun ħoss kontinwu li jipprovdi informazzjoni li vettura qed titħaddem lil min ikun miexi fit-triq u lill-utenti vulnerabbli tat-toroq. Il-ħoss għandu jkun faċilment indikattiv tal-imġiba tal-vettura u m'għandux jaqbeż il-livell tal-ħoss approssimattiv għal vettura simili tal-istess kategorija mgħammra b'magna tal-kombustjoni interna u li topera fl-istess kundizzjonijiet, u r-rekwiżiti*** tal-Anness X għandhom jiġu sodisfatti**.** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżiti ewlenin għall-AVAS għandhom jidhru fl-artikolu rilevanti u mhux biss fl-anness. F'każ li l-Grupp UNECE jadotta regolament bi standards armonizzati f'livell dinji għall-AVAS, ir-rekwiżiti tal-UE għandhom jiġu emendati konsegwentement.*

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***F'każ li l-grupp ta' ħidma tal-UNECE dwar il-livelli minimi tal-ħoss għall-vetturi silenzjużi jadotta Regolament tal-UNECE, il-Kummissjoni għandha tistudja l-possibilità li tissostitwixxi r-rekwiżiti teknići stipulati fl-Anness X b'referenza diretta għar-rekwiżiti korrispondenti tar-Regolamenti tal-UNECE u, jekk ikun il-każ, tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda l-Anness X.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżiti ewlenin għall-AVAS għandhom jidhru fl-artikolu rilevanti u mhux biss fl-anness. F'każ li l-Grupp UNECE jadotta regolament bi standards armonizzati f'livell dinji għall-AVAS, ir-rekwiżiti tal-UE għandhom jiġu emendati konsegwentement.*

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati biex temenda l-***Annessi I sa XI***. | 1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati biex temenda ***l-Annessi I sa II u IV sa X***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Skont l-Artikolu 290 tat-TFE, l-elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv biss jistgħu jkunu ddelegati lill-Kummissjoni, filwaqt li l-elementi essenzjali ta' settur jiġu riservati għall-att leġiżlattiv. Id-dispożizzjonijiet tal-Anness III, jiġifieri, il-valuri ta' limitu tal-istorbju u ż-żmien tat-tħejjija (fażijiet), huma elementi essenzjali tal-proposta u għandhom, għaldaqstant, ikunu riservati għall-koleġiżlaturi.*

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta il-valuri ta' limitu relatati mal-metodu tal-ittestjar ikunu stabbiliti fir-Regolament tal-UNECE Nru 51, il-Kummissjoni għandha tissostitwixxi r-rekwiżiti tekniċi stipulati fl-Anness III b'referenza diretta għar-rekwiżiti korrispondenti tar-Regolamenti tal-UNECE Nru 51 u Nru 59. | 2. Meta il-valuri ta' limitu relatati mal-metodu tal-ittestjar ikunu stabbiliti fir-Regolament tal-UNECE Nru 51, il-Kummissjoni għandha ***tevalwa l-possibilità*** li tissostitwixxi r-rekwiżiti tekniċi stipulati fl-Anness III b'referenza diretta għar-rekwiżiti korrispondenti tar-Regolamenti tal-UNECE Nru 51 u Nru 59 ***u, jekk ikun il-każ, tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda l-Anness III***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Skont l-Artikolu 290 tat-TFE, l-elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv biss jistgħu jkunu ddelegati lill-Kummissjoni, filwaqt li l-elementi essenzjali ta' settur jiġu riservati għall-att leġiżlattiv. Id-dispożizzjonijiet tal-Anness III, jiġifieri, il-valuri ta' limitu tal-istorbju u ż-żmien tat-tħejjija (fażijiet), huma elementi essenzjali tal-proposta u għandhom, għaldaqstant, ikunu riservati għall-koleġiżlaturi.*

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 4.1.2.1.4.1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Jekk proporzjon tal-ingranagg wieħed speċifiku jagħti aċċelerazzjoni f'faxxa ta' tolleranzi ta' ± 5 % tal-aċċelerazzjoni ta' referenza awot ref, mingħajr ma jinqabżu ***it-3,0 m/s²***, ittestja b'dak il-proporzjon tal-ingranaġġ. | (a) Jekk proporzjon tal-ingranagg wieħed speċifiku jagħti aċċelerazzjoni f'faxxa ta' tolleranzi ta' ± 5 % tal-aċċelerazzjoni ta' referenza awot ref, mingħajr ma jinqabżu ***it-2,0 m/s²***, ittestja b'dak il-proporzjon tal-ingranaġġ. |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex issir simulazzjoni tas-sitwazzjoni reali tat-traffiku urban, l-aċċellerazzjoni massima għandu tkun fil-livell ta' 2.0 m/s2.*

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 4.1.2.1.4.1 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) Jekk l-ebda wieħed mill-proporzjonijiet tal-ingranaġġ ma jagħti l-aċċelerazzjoni meħtieġa, mela agħżel proporzjon tal-gerijiet i, b'aċċelerazzjoni akbar u proporzjon tal-gerijiet i+1, b'aċċelerazzjoni iżgħar mill-aċċelerazzjoni ta' referenza. Jekk il-valur tal-aċċelerazzjoni fil-proporzjon tal-ingranaġġ i ma jaqbiżx ***it-3,0 m/s***$^{2}$, uża ż-żewġ proporzjonijiet tal-gerijiet għat-test. Il-proporzjon tat-tagħbija b'relazzjoni għall-aċċelerazzjoni ta' referenza awot ref jiġi kkalkulat permezz ta': k = (a wot ref - a wot (i+1)) / (a wot (i) - a wot (i+1)) | (b) Jekk l-ebda wieħed mill-proporzjonijiet tal-ingranaġġ ma jagħti l-aċċelerazzjoni meħtieġa, mela agħżel proporzjon tal-gerijiet i, b'aċċelerazzjoni akbar u proporzjon tal-gerijiet i+1, b'aċċelerazzjoni iżgħar mill-aċċelerazzjoni ta' referenza. Jekk il-valur tal-aċċelerazzjoni fil-proporzjon tal-ingranaġġ i ma jaqbiżx ***it-2,0 m/s***$^{2}$, uża ż-żewġ proporzjonijiet tal-gerijiet għat-test. Il-proporzjon tat-tagħbija b'relazzjoni għall-aċċelerazzjoni ta' referenza awot ref jiġi kkalkulat permezz ta': k = (a wot ref - a wot (i+1)) / (a wot (i) - a wot (i+1)) |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex issir simulazzjoni tas-sitwazzjoni reali tat-traffiku urban, l-aċċellerazzjoni massima għandu tkun fil-livell ta' 2.0 m/s2.*

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 4.1.2.1.4.1 – punt c**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (c) jekk il-valur tal-aċċelerazzjoni tal-proporzjon tal-ingranaġġ i jaqbeż ***it-3,0 m/s***$^{2}$, għandu jintuża l-ewwel proporzjon tal-ingranaġġ li jagħti aċċelerazzjoni inqas minn ***3,0 m/s***$^{2}$ ħlief jekk il-proporzjon tal-ingranaġġ i+1 jipprovdi aċċelerazzjoni iżgħar minn aurban. F'dan il-każ, għandhom jintużaw żewġ gerijiet, i u i+1, inkluż il-ger i b'aċċelerazzjoni li taqbeż ***it-3,0 m/s***$^{2}$. F'każi oħra, ma għandu jintuża l-ebda ger ieħor. Għall-kalkolu tal-fattur parzjali tal-potenza kP għandha tintuża l-aċċelerazzjoni milħuqa waqt it-test awot test minflok awot ref. | (c) jekk il-valur tal-aċċelerazzjoni tal-proporzjon tal-ingranaġġ i jaqbeż ***it-3,0 m/s***$^{2}$, għandu jintuża l-ewwel proporzjon tal-ingranaġġ li jagħti aċċelerazzjoni inqas minn ***2.0 m/s***$^{2}$ ħlief jekk il-proporzjon tal-ingranaġġ i+1 jipprovdi aċċelerazzjoni iżgħar minn aurban. F'dan il-każ, għandhom jintużaw żewġ gerijiet, i u i+1, inkluż il-ger i b'aċċelerazzjoni li taqbeż ***it-2,0 m/s2***. F'każi oħra, ma għandu jintuża l-ebda ger ieħor. Għall-kalkolu tal-fattur parzjali tal-potenza kP għandha tintuża l-aċċelerazzjoni milħuqa waqt it-test awot test minflok awot ref. |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex issir simulazzjoni tas-sitwazzjoni reali tat-traffiku urban, l-aċċellerazzjoni massima għandu tkun fil-livell ta' 2.0 m/s2.*

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Anness III**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Anness III

Il-valuri ta' limitu

Il-livell tal-ħoss imkejjel skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness II ma għandux jaqbeż il-limiti li ġejjin:

| **Il-kategorija tal-vettura** | **Deskrizzjoni tal-kategorija tal-vettura** | **Il-valuri ta' limitu espressi f'dB(A) [decibels(A)]** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi** | | **Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi** | | **Valuri ta' limitu għal reġistrazzjoni, bejgħ u dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda** | |
| | | **L-ewwel fażi valida minn [sentejn wara l-pubblikazzjoni]** | | **It-tieni fażi valida minn [*ħames* snin wara l-pubblikazzjoni]** | | **It-tielet fażi valida minn [*seba'* snin wara l-pubblikazzjoni]** | |
| | | **Kummenti ġenerali** | **Off-road *** | **Kummenti ġenerali** | **Off-road *** | **Kummenti ġenerali** | **Off-road *** |
| ***M*** | **Vetturi użati għall-ġarr tal-passiġġieri** | | | | | | |
| ***$M_1$*** | ***nru ta' sits ≤ 9*** | ***70*** | ***71***** | ***68*** | ***69***** | ***68*** | ***69***** |
| $M_1$ | nru ta' sits ≤ 9; Il-proporzjon tal-potenza mqabbla mal-massa > ***150 kW/ton*** | ***71*** | ***71*** | ***69*** | ***69*** | ***69*** | ***69*** |
| $M_2$ | *nru ta' sits ≤ 9*; massa ***≤ 2 tunnellati*** | ***72*** | 72 | ***70*** | 70 | ***70*** | 70 |
| $M_2$ | *nru ta' sits ≤ 9*; ***2 tunnellati < massa ≤ 3.5 tunnellati*** | ***73*** | ***74*** | ***71*** | ***72*** | ***71*** | ***72*** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| $M_2$ | *nru ta' sits ≤ 9*; ***3.5 tunnellati*** < massa ≤ 3.5 tunnellati ***Potenza nominali tal-magna < 150 kW*** | 74 | 75 | 72 | 73 | ***72*** | ***73*** |
| $M_2$ | *nru ta' sits ≤ 9*; ***3.5 tunnellati*** < massa ≤ ***3.5 tunnellati*** ***Potenza nominali tal-magna ≥ 150 kW*** | 76 | ***78*** | ***74*** | ***76*** | ***74*** | ***76*** |
| $M_3$ | *nru ta' sits ≤ 9*; massa > 5 tunnellati; Potenza nominali tal-magna < ***150 kW*** | ***75*** | ***76*** | 73 | 74 | ***73*** | ***74*** |
| $M_3$ | *nru ta' sits ≤ 9*; massa > 5 tunnellati; Potenza nominali tal-magna ***≥ 150 kW*** | ***77*** | ***79*** | ***75*** | ***77*** | ***75*** | ***77*** |
| ***N*** | ***Vetturi użati għall-ġarr tal-merkanzija*** | | | | | | |
| ***$N_1$*** | ***massa ≤ 2 tunnellati*** | ***71*** | ***71*** | ***69*** | ***69*** | ***69*** | ***69*** |
| ***$N_1$*** | ***2 tunnellati < massa ≤ 3.5 tunnellati*** | ***72*** | ***73*** | ***70*** | ***71*** | ***70*** | ***71*** |
| $N_2$ | 3.5 tons < mass ≤ 12 tons; Potenza nominali tal-magna < 75 kW | ***74*** | ***75*** | ***72*** | ***73*** | ***72*** | ***73*** |
| $N_2$ | 3.5 tunnellati < massa ≤ 12-il tunnellata; 75 ≤ potenza nominali tal-magna < 150 kW | ***75*** | ***76*** | ***73*** | ***74*** | ***73*** | ***74*** |
| $N_2$ | 3.5 tunnellati < massa ≤ 12-il tunnellata; Potenza nominali tal-magna ***≥ 150 kW*** | ***77*** | 79 | ***75*** | ***77*** | ***75*** | ***77*** |
| $N_3$ | massa > 12-il tunnellata; ***75*** ≤ potenza nominali tal-magna < ***150 kW*** | ***77*** | ***78*** | 75 | 76 | 75 | 76 |
| $N_3$ | massa > 12-il tunnellata; Potenza nominali tal-magna ≥ 150 kW | ***80*** | ***82*** | ***78*** | ***80*** | 78 | 80 |

* Il-valuri ta' limitu miżjuda għandhom ikunu validi biss jekk il-vettura tikkonforma

mad-definizzjoni rilevanti għall-vetturi off-road stabbilita fil-punt 4 tat-Taqsima A tal-Anness II għad-Direttiva tal-UE 2007/46/KE.

** Għall-vetturi M1 il-valuri ta' limitu miżjuda għall-vetturi off-road ikunu validi biss jekk il-massa massima awtorizzata tkun ta' > 2 tunnellati.

*Emenda*

Anness III

Il-valuri ta' limitu

Il-livell tal-ħoss imkejjel skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness II ma għandux jaqbeż il-limiti li ġejjin:

| **Il-kategorija tal-vettura** | **Deskrizzjoni tal-kategorija tal-vettura** | **Il-valuri ta' limitu espressi f'dB(A) [decibels(A)]** | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | **Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi******** | **Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi******** | **Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi******** | ***Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi******** |
| | | **L-ewwel fażi valida minn [sentejn wara l-pubblikazzjoni]********** | **It-tieni fażi valida minn [*sitt* snin wara l-pubblikazzjoni]********** | **It-tielet fażi valida minn [*għaxar* snin wara l-pubblikazzjoni]** | ***Ir-raba' fażi valida minn [14-il sena wara l-pubblikazzjoni] ******** |

| | | **Kummenti ġenerali** | **Off-road *** | **Kummenti ġenerali** | **Off-road *** | **Kummenti ġenerali** | **Off-road *** | ***Ġenerali ******* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Vetturi użati għall-ġarr tal-passiġġieri u tal-merkanzija ********* | | | | | | | |
| $M_1$ | nru ta' sits ≤ 9; Il-proporzjon tal-potenza mqabbla mal-massa ≤ ***120 kW/ton*** | *72* | *73 *** | ***71*** | *72*** | ***71*** | *72*** | ***67*** |
| ***$M_1$*** | ***nru ta' sits ≤ 9; 120 kW/ton < Il-proporzjon tal-potenza mqabbla mal-massa ≤ 160 kW/ton*** | *73* | ***74*** | *72* | *73* | *71* | *72* | ***68*** |
| ***$M_1$*** | ***nru ta' sits ≤ 9; Il-proporzjon tal-potenza mqabbla mal-massa > 160 kW/ton*** | *75* | ***76*** | *74* | *75* | *73* | *74* | ***70*** |
| ***$M_1$*** | ***nru ta' sits ≤4 inkluż is-sewwieq; Il-proporzjon tal-potenza mqabbla mal-massa > 200 kW/ton; Punt R tas-sit tas-sewwieq < 450 mm mill-art*** | *77* | ***N/A*** | *76* | ***N/A*** | *76* | ***N/A*** | *76* |
| $M_2$ | *nru ta' sits > 9*; massa ≤ ***2.5 tunnellati; potenza nominali tal-magna < 75 kW*** | ***71*** | 72 | ***69*** | 70 | ***69*** | ***70*** | ***68*** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| $M_2$ | *nru ta' sits > 9*; massa **≤ *2.5 tunnellati; Potenza nominali tal-magna ≥ 75 kW*** | ***72*** | ***73*** | ***70*** | ***71*** | ***70*** | ***71*** | ***69*** |
| $M_2$ | *nru ta' sits > 9*; ***2.5 tunnellati <*** massa ≤ 3.5 tunnellati | 74 | 75 | 72 | 73 | ***71*** | ***72*** | ***70*** |
| $M_2$ | *nru ta' sits > 9*; ***massa*** < 3.5 tunnellati | 76 | ***77*** | ***73*** | ***74*** | ***72*** | ***73*** | ***71*** |
| ***$N_1$*** | ***massa ≤ 2.5 tunnellati*** | ***72*** | ***73*** | ***71*** | ***72*** | ***71*** | ***72*** | ***69*** |
| ***$N_1$*** | ***2.5 tunnellati < massa ≤ 3.5 tunnellati*** | ***73*** | ***74*** | ***73*** | ***74*** | ***72*** | ***73*** | ***69*** |
| | | ***Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi*** | | ***Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi*** | | ***Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi******* | | ***Valuri ta' limitu għall-Approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi ******** |
| | | ***L-ewwel fażi valida minn [tliet snin wara l-pubblikazzjoni]*** | | ***It-tieni fażi valida minn [tmien snin wara l-pubblikazzjoni]*** | | ***It-tielet fażi valida minn [12-il sena wara l-pubblikazzjoni]*** | | ***Ir-raba' fażi valida minn [16-il sena wara l-pubblikazzjoni] ********* |
| | | ***Kummen*** | ***Off-*** | ***Kummen*** | ***Off-*** | ***Kumme*** | ***Off-*** | ***Ġener*** |

| | | *ti ġenerali* | *road ** | *ti ġenerali* | *road ** | *nti ġenerali* | *road ** | *ali **** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| $M_3$ | *nru ta' sits > 9*; massa > 5 tunnellati; Potenza nominali tal-magna **≤** ***100 kW*** | ***74*** | ***75*** | 73 | 74 | ***72*** | ***73*** | ***71*** |
| $M_3$ | *nru ta' sits > 9*; massa > 5 tunnellati; ***100 kW*** < potenza nominali tal-magna **≤** ***180 kW*** | ***76*** | ***77*** | ***74*** | ***75*** | ***73*** | ***74*** | ***72*** |
| ***M₃*** | ***nru ta' sits > 9; massa > 5 tunnellati; 180 < potenza nominali tal-magna ≤ 250 kW*** | ***78*** | ***79*** | ***78*** | ***79*** | ***76*** | ***77*** | ***75*** |
| ***M₃*** | ***nru ta' sits > 9; massa > 5 tunnellati; Potenza nominali tal-magna > 250 kW*** | ***80*** | ***81*** | ***79*** | ***80*** | ***78*** | ***79*** | ***77*** |
| $N_2$ | 3.5 tunnellati < massa ≤ 12-il tunnellata; Potenza nominali tal-magna < 75 kW | ***76*** | ***77*** | ***75*** | ***76*** | ***74*** | ***75*** | ***71*** |
| $N_2$ | 3.5 tunnellati < massa ≤ 12-il tunnellata; 75 ≤ potenza nominali tal-magna < 150 kW | ***76*** | ***77*** | ***76*** | ***77*** | ***73*** | ***74*** | ***72*** |
| $N_2$ | 3.5 tunnellati < massa ≤ 12-il | ***78*** | 79 | ***77*** | ***78*** | ***77*** | ***78*** | ***74*** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | tunnellata; ***150 kW ≤*** potenza nominali tal-magna | | | | | | | |
| $N_3$ | massa > 12-il tunnellata; Potenza nominali tal-magna ***< 100 kW*** | ***76*** | ***77*** | 75 | 76 | 75 | 76 | ***72*** |
| $N_3$ | massa > 12-il tunnellata; ***100 ≤*** potenza nominali tal-magna < 150 kW | ***79*** | ***80*** | ***78*** | ***79*** | 77 | 78 | ***75*** |
| ***$N_3$*** | ***massa > 12-il tunnellata; 150 ≤ potenza nominali tal-magna < 250 kW*** | ***81*** | ***82*** | ***80*** | ***81*** | ***79*** | ***80*** | ***77*** |
| ***$N_3$*** | ***massa > 12-il tunnellata; Potenza nominali tal-magna ≥ 250 kW*** | ***82*** | ***83*** | ***81*** | ***82*** | ***80*** | ***81*** | ***79*** |

* Il-valuri ta' limitu miżjuda għandhom ikunu validi biss jekk il-vettura tikkonforma mad-definizzjoni rilevanti għall-vetturi off-road stabbilita fil-punt 4 tat-Taqsima A tal-Anness II għad-Direttiva tal-UE 2007/46/KE.

** Għall-vetturi $M_1$ il-valuri ta' limitu miżjuda għall-vetturi off-road ikunu validi biss jekk il-massa massima awtorizzata tkun ta' > 2 tunnellati

*** ***Għall-vetturi Off-road il-valuri ta' limitu ġenerali jiżdiedu b' + 1 dB(A)***

**** ***Perjodu tranżitorju għall-ewwel reġistrazzjoni ta' vetturi ġodda: sentejn wara d-dħul fis-seħħ, minbarra vetturi M1/N1 ≤ 50kW/t u M2 ≤ 75kW, li għalihom il-perjodu tranżitorju l-ewwel japplika mit-tieni fażi 'l quddiem.***

***** ***Perjodu tranżitorju għall-ewwel reġistrazzjoni ta' vetturi ġodda: 3 snin wara d-dħul fis-seħħ.***

****** ***Il-Kummisjoni għandha twettaq studju dettaljat biex tivvalida l-Fażi 4 fir-rigward tal-vijabbiltà teknika limiti tal-ħoss proposti, ladarba tiġi introdotta l-Fażi 3. F'każ ta' evalwazzjoni pożittiva, ir-raba' fażi tiġi applikata erba' snin wara l-pubblikazzjoni tal-istudju tal-Kummissjoni.***

******* ***Vetturi M1 b'għan speċjali:***
***Il-vetturi aċċessibbli għas-siġġijiet tar-roti (kif definit fil-paragrafu 5.5 tal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE) u l-vetturi armati (kif definit f'Parti A 5.2 Anness II tad-***

***Direttiva 2007/46/KE), il-modifikazzjoni fix-xogħol tal-pajpijiet tas-sistema tal-egżost hija permessa mingħajr aktar ittestjar sakemm it-tagħmir kollu għall-kontroll tal-emissjonijiet inklużi l-filters partikulati (jekk jeżistu) jinżammu. Jekk jeħtieġ test ġdid, għandu jiġi permess 2dB(A) aktar 'il hinn mil-limitu applikabbli.***

******** ***Għal vetturi prodotti ta'serje żgħira skont is-sezzjoni 1 tal-Parti A tal-Anness XII tad-Direttiva 2007/46/KE, id-data applikabbli għall-fażi 1 u l-fażi 2 tiġi ttardjata b'sentejn.***

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Anness VI – punt 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Trid tintgħażel vettura waħda li mbagħad tiġi soġġetta għat-testijiet stabbiliti fil-punt 2. Jekk ir-riżultati tat-testijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-COP tal-Anness X tad-Direttiva 2007/46/KE, il-vettura għandha titqies li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-COP. | Trid tintgħażel vettura waħda li mbagħad tiġi soġġetta għat-testijiet stabbiliti fil-punt 2. Jekk ir-riżultati tat-testijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-COP tal-Anness X tad-Direttiva 2007/46/KE, il-vettura għandha titqies li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-COP. ***Għar-rekwiżiti tal-COP il-valuri ta' limitu tal-Anness III jiġu sodisfati jekk ikun hemm konformità mal-valuri ta' limitu tal-Anness III b'marġini addizzjonali ta' 1 dB(A).*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-leġiżlazzjoni attwali li tikkonċerna l-verifika tal-konformità tal-produzzjoni, hemm previst marġni ta' 1 dB(A).*

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Anness IX – parti A – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Is-Sistema ta' Twissija Akustika ta' Vettura (AVAS) hija ***mezz li tiġġenera l-ħoss maħluqa biex tinforma*** lil min ikun bil-mixi fit-triq u l-utenti vulnerabbli tat-toroq. | Is-Sistema ta' Twissija Akustika ta' Vettura (AVAS) hija ***sistema għall-vetturi tat-trasport fit-triq elettriċi ibridi u dawk elettriċi li tipprovdi informazzjoni dwar it-tħaddim tal-vettura lil*** min ikun miexi fit-triq u l-utenti vulnerabbli tat-toroq. |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni tal-AVAS fl-Anness IX korrispondenti għandha tkun konformi mad-definizzjoni tal-AVAS fl-Artikolu 3 (21).*

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Anness IX – parti A – punt 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Il-ħoss li jrid ikun iġġenerat mill-AVAS għandu jkun ħoss kontinwu li jipprovdi informazzjoni li vettura qed titħaddem lil min ikun miexi fit-triq u lill-utenti vulnerabbli tat-toroq. | (a) Il-ħoss li jrid ikun iġġenerat mill-AVAS għandu jkun ħoss kontinwu li jipprovdi informazzjoni li vettura qed titħaddem lil min ikun miexi fit-triq u lill-utenti vulnerabbli tat-toroq. ***Il-ħoss għandu jkun faċilment indikattiv tal-imġiba tal-vettura u għandu jkollu l-ħoss familjari ta' vettura tal-istess kategorija mgħammra b'magna tal-kombustjoni interna.*** |
| ***Madankollu, l-ħsejjes li ġejjin u tipi simili ta' ħsejjes mhumiex aċċettabbli:*** | |
| ***(i) Sirena, tromba, sett ta' qniepen intunati (chime), qanpiena u ħsejjes ta' vettura ta' emerġenza*** | |
| ***(ii) Ħsejjes tal-allarm eż. allarm tan-nar, tas-serq, jew tad-duħħan*** | |
| ***(iii) Ħoss intermittenti*** | |
| ***Dawn il-ħsejjes li ġejjin u tipi simili ta' ħsejjes għandhom jiġu evitati:*** | |
| ***(iv)Ħsejjes melodjużi, ħsejjes tal-annimali u l-insetti*** | |
| ***(v)Ħsejjes li jfixklu l-identifikazzjoni ta' vettura u/jew tat-tħaddim tagħha (eż. aċċelerazzjoni, deċelerazzjoni, eċċ.)*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*L-ennumerazzjoni tat-tipi differenti ta' ħsejjes li mhumiex aċċettabbli għall-użu fl-AVAS għandha tiġi sostitwita b'deskrizzjoni ċara tal-karatteristiċi tal-ħsejjes li huma aċċettabbli.*

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur |
| **Referenzi** | COM(2011)0856 – C7-0487/2011 – 2011/0409(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>15.12.2011 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO<br>15.12.2011 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Anja Weisgerber<br>29.2.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 26.4.2012 8.5.2012 20.6.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 21.6.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 27<br>–: 3<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Sergio Gaetano Cofferati, Birgit Collin-Langen, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, Cornelis de Jong, Christian Engström, Evelyne Gebhardt, Malcolm Harbour, Philippe Juvin, Toine Manders, Hans-Peter Mayer, Sirpa Pietikäinen, Robert Rochefort, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Emilie Turunen, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Raffaele Baldassarre, Mario Borghezio, Simon Busuttil, Pier Antonio Panzeri, Laurence J.A.J. Stassen, Marc Tarabella, Kyriacos Triantaphyllides, Anja Weisgerber, Kerstin Westphal |

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur |
| **Referenzi** | COM(2011)0856 – C7-0487/2011 – 2011/0409(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 9.12.2011 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>15.12.2011 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO TRAN<br>15.12.2011 15.12.2011 |
| **Rapporteur(s)** | Miroslav Ouzký |

| | |
|---|---|
| Data tal-ħatra | 9.1.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 29.5.2012 20.6.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 18.12.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 30<br>–: 27<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sandrine Bélier, Milan Cabrnoch, Martin Callanan, Nessa Childers, Tadeusz Cymański, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Karl-Heinz Florenz, Gerben-Jan Gerbrandy, Nick Griffin, Matthias Groote, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Karin Kadenbach, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Holger Krahmer, Jo Leinen, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Antonyia Parvanova, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Frédérique Ries, Anna Rosbach, Dagmar Roth-Behrendt, Kārlis Šadurskis, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Salvatore Tatarella, Thomas Ulmer, Anja Weisgerber, Marina Yannakoudakis |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Margrete Auken, Jutta Haug, Judith A. Merkies, Miroslav Mikolášik, Britta Reimers, Giancarlo Scottà, Alda Sousa, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Anna Záborská, Andrea Zanoni |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Reinhard Bütikofer, Jean Lambert, Csaba Sógor, Josef Weidenholzer |
| **Data tat-tressiq** | 21.12.2012 |